# analiżi

VOL. 2 N. 2 NOVEMBRU–DIĊEMBRU 1988
RIVISTA TA' KRITIKA GĦALL-MATRIKOLA TAL-MALTI
PUBBLIKATA MID-DIPARTIMENT TA' L-EDUKAZZJONI



Ħitan tas-Swar, litografija ta' Norbert Attard

TLIET STUDJI FUQ RUŻAR BRIFFA
LINJI ĠODDA: SFOND INTERNAZZJONALI
TABERNAKLI
ĠORĠ ZAMMIT: IL-POEŻIJA TAL-KRIŻI
LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR
IR-REALIŻMU TA' ĠUŻÈ DIACONO
TWEĠIBIET MUDELLI

Enjoy
Coca-Cola
Coke

TRADE MARK REGD.

# analiżi

## *EDITORJAL*

L-ewwel term wasal biex jispiċċa. Għadda aktar minn nofsu u għadna niltaqgħu ma' bosta studenti fil-Livell Ordinarju u fil-Livell Avvanzat li jridu jibqgħu jinsistu li l-qari bil-Malti la hawn bżonnu u lanqas ma għandhom ħin għalih. F'dan għandhom żball minn kull aspett.

Barra mill-kummenti li qed jissemmew fil-kitba li qed tidher f'din il-ħarġa, "Kriżi fil-Qari", irridu nisħqu wkoll li l-marda hawn Malta ma tolqotx biss lill-Malti imma wkoll lill-Ingliż. Qed ikun hawn ħafna aljenazzjonijiet fil-ħajja ta' l-istudent sa minn ċkunitu li qed jisirqulu l-ħin tal-qari. Filwaqt li kulħadd isib il-ħin għad-divertiment, intilef kważi għal kollox id-divertiment tal-qari personali. Għalhekk, ikun f'waqtu ħafna li kemm il-ġenituri u kemm l-għalliema jinsistu magħhom infushom li lit-tfal nagħtuhom *sens ta' direzzjoni.* U dan it-tfal jippretenduh mingħandna.

Is-suċċess sħiħ li kellha l-ewwel ħarġa tagħna jwettqilna fehmitna li lill-istudent Malti, meta wieħed jurih mnejn għandu jgħaddi, ikun kapaċi jasal biex jisma' minn min iridlu l-ġid. Għalkemm stampajna ħafna aktar mis-sena l-oħra t-talba għall-kopji ta' l-ewwel numru għaġġbitna. L-għatx għall-qari bil-Malti rnexxielna nkattruh bil-ħadma sħiħa tagħna. Ma jorbotx l-argument li r-rivista qed tinxtara għax fiha l-materjal għall-eżamijiet tal-Matrikola. L-ewwel parti ta' l-artiklu "Il-Bidu tal-Palk Malti" ta' Ġużè Cassar-Pullicino u tas-sensiela "Storja tal-Letteratura Maltija" ta' Catherine Galea m'humiex marbuta ma' l-eżami u nafu kemm inqraw u kemm ingħoġbu tant li talbuna saħansitra biex għal darba oħra nagħtu siltiet itwal minnhom.

Jalla l-kliem sabiħ li ntqal bil-kitba u bil-fomm fuq ir-rivista tagħna ma jkunx ta' l-okkażjoni. Jalla l-interess fil-Malti jkun kotran dejjem u mhux iferfer biss sakemm isir l-eżami. Jidher li għad baqgħalha biex tidher ġenerazzjoni Maltija li *taqra mhux għall-eżami.*

Sadanittant irridu nibqgħu nistinkaw, kif qed nagħmlu aħna bir-rivista tagħna, biex la tiekol l-għajn ikun jista' jiekol il-moħħ. U tgħammar fuq gżiritna ġenerazzjoni ta' kultura Maltija li ma tistħix u ma tiċħadx taqra bil-Malti, anzi titlob mingħand il-kittieba tagħha — kif qed tagħmel il-ġenerazzjoni żagħżugħa mingħandna — kitba ta' livell li tixraq lil Malta fi tmiem is-seklu għoxrin.

**analiżi**

Rivista għall-Matrikola tal-Malti
Pubblikazzjoni tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni

©1988 Dipartiment ta' l-Edukazzjoni
© Dritt Letterarju tal-kittieba
Kull jedd miżmum. Din ir-rivista qed tinbiegħ bil-kundizzjoni li ma tistax tinsilef, terġa' tinbiegħ, tingħata b'xejn, f'xi forma oħra ta' stampar jew qoxra ħlief kif inhi ppubblikata mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. L-ebda silta min din il-pubblikazzjoni ma tista' tkun riprodotta b'xi mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, rekordjat jew b'kull mod ieħor mingħajr il-permess **bil-miktub** tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Stampat mill-P.E.G. Ltd, Il-Marsa.

Chairman tal-Bord Editorjali: DR PAUL HEYWOOD
Edituri: ĠORĠ MIFSUD u MARIO AZZOPARDI
Relazzjonijiet Pubbliċi: ADRIAN STIVALA
Awditur: JOHN FERNANDEZ
Membru: FRANZ MIFSUD

Indirizz Editorjali:
"Analiżi"
Il-Liċeo Ġ.F. Abela, Misraħ Ġużè Debono,
Msida.
Tel: 224271/5, Sinjorini Mary Azzopardi, Lorraine Paris

Ritratt tal-kopertina bil-kortesija ta' North Star Publications

*Nota editorjali:* L-ideat tal-kittieba mhux bilfors jirriflettu l-fehmiet tal-Bord Editorjali.

# posta

## AKTAR SPISS

Bħala għalliem f'waħda mill-iskejjel ewlenin ta' Malta jidhirli li rrid nirringrazzjakom, f'isem l-għalliema kollha sħabi u ħbiebi, ta' l-għajnuna kbira li qed tagħtuna bir-rivista tagħkom *Analiżi.* Sħabi l-għalliema m'humiex biss dawk li jgħallmu l-Malti imma wkoll l-għalliema l-oħra li ħafna minnhom huma miżżewġin u joqogħdu jitkellmu magħna fuq ir-rivista minħabba wliedhom li qed isibuha ta' valur importanti għall-istudju tagħhom. Ħafna drabi naqgħu għall-istess kelma: *Analiżi* hemm bżonn toħroġ aktar spiss.

*P.Z., il-Belt Valletta*

## TWEĠIBIET-MUDELLI

Qed niktiblek f'isem binti li qed tistudja l-Malti għall-eżami tal-Matrikola ta' Novembru li ġej biex nirringrazzjakom tat-tweġibiet-mudelli li qed tagħtu fir-rivista *Analiżi.* Intom stess lanqas tafu kemm hi u sħabha japprezzawhom, mhux biss għat-taqsira imma wkoll għall-mistoqsijiet fuq is-silta u għall-grammatika. Nissuġġerilkom tagħmlu l-istess għall-karta tal-Letteratura, għax f'din l-aktar li tħossha iebsa u batuta binti. Fuq sħabha tgħidli l-istess.

*Mary Agius, Santa Venera*

Nota editorjali: Lill-korrispondenta tagħna ngħidulha biex tqalleb sewwa l-ħarġiet tagħna għax il-karta tal-Letteratura minn dejjem kienet f'moħħna daqs l-ewwel karta. Ngħidu aħna, fil-ħarġa numru 5, ta' Mejju-Ġunju, 1988, tajna tweġiba-mudell fuq "Leli Anti-Eroj" (p. 19) għall-mistoqsija ta' l-eżami ta' Mejju/Ġunju, 1986, 4a, "Liema persunaġġ taħseb li hu l-karattru ewlieni f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir*? Għaliex?" u tweġiba-mudell oħra għall-mistoqsija meħuda mill-istess Sessjoni, jiġifieri, "Mill-Istorja ta' l-imgħoddi Pisani jislet l-imħabba tiegħu lejn pajjiżu. Ikkummenta." (p. 5). Jekk forsi għadha ma kisbitx kopja, nitolbuha tiktbilna jew iċċemplilna fl-indirizz li hawn imsemmi f'din il-paġna stess.



L-ISTUDJUŻI u l-edukaturi madwar id-dinja qegħdin jibżgħu li l-ħajja ta' llum qed tnissel ġenerazzjoni ta' analfabeti. Fl-Italja saret riċerka mill-aġenzija *Istat* li wriet li t-tfal ta' bejn is-sitta u l-għaxar snin qed juru reżistenza kbira kontra l-qari: 44% tat-tfal Taljani kollha f'dik l-età ma jaqraw xejn. Riċerka oħra Ewropea, organizzata mill-IBM, sabet illi fl-iskejjel sekondarji t-tfal qed jifhmu biss in-nofs ta' dak kollu li jaqraw. Il-konklużjonijiet jidhru li qed jakkużaw lit-televiżjoni bħala fattur ta' aljenazzjoni. Akkuża oħra qed tkun li l-iskola ma fehmitx il-vantaġġ tat-tagħlim bit-televiżjoni.

# KRIŻI FIL-QARI

esej





Illum it-tfal ta' kull età qed jindunaw li l-fantasija tagħhom dwar il-mostri u l-figuri strambi qed tkun sodisfatta aktar bis-saħħa tal-logħob bil-vidjow milli bil-kotba. L-extra-terrestri hu eċċitanti aktar mill-kotba ta' l-iskola. Iżda dan qed ikollu konsegwenzi serji ħafna u qed joħloq kriżi ta' analfabetiżmu. Dan l-aħħar ir-rivista Franċiża ta' kull ġimgħa *Le Nouvel Observateur* wissiet li fi Franza, wieħed minn kull ħamest itfal li jattendu l-ħames klassi ta' l-iskola primarja m'huwiex kapaċi jaqra. Il-gwaj ġej minn kif it-televiżjoni u l-vidjow qed jilluppjaw lit-tfal. Jikkalkulaw li sa sitt snin tifel (jew tifla) mill-Ewropa diġà jkun għadda għaxart elef siegħa minn ħajtu quddiem l-iskrin iż-żgħir.

L-edukaturi huma inkwetati li min-ħabba t-televiżjoni fit-tfal tnisslet antipatija kontra l-ktieb. Ditta Ġermaniża li toħroġ il-kotba għat-tfal qalet li llum il-ġurnata, il-ktieb irid jikkompeti mat-teknika avvanzata u immedjata li tintuża għat-televiżjoni u donnu li l-ktieb mhux se jkun jista' jikkompeti jekk ma ssirx xi invenzjoni biex il-ktieb "jibda jiċċaqlaq u jkanta mal-mużika". Kollox juri li hemm ħafna interferenzi kontra l-ktieb. Minbarra t-televiżjoni u l-vidjow it-tfal għandhom ukoll "ġugarelli" raffinati bħall-wokman, li qed ikomplu jaljenawhom mill-qari. Hemm swieq ġodda anki għal stejjer fuq it-tejp u dan qed ikompli jnissel bruda u nuqqas ta' ħila fil-qari.

Hemm imbagħad dawk il-lingwisti, pedagoġi u bibljotekarji li qed jaraw egħdewwa oħra kontra l-ktieb: l-istess għalliema! Fl-Italja l-għalliema stess qed isibu min jakkużahom li lanqas huma ma jħobbu jaqraw. F'Bolonja nfetħet librerija fejn ħadd, lanqas l-għalliema, ma jitħallew jidħlu jekk ma jagħtux xi prova li jħobbu jaqraw. Wieħed mill-organizzaturi li ħasbu







## *It-televiżjoni rnexxielha toħloq lingwa ġdida mbiegħda wkoll mill-strutturi tal-grammatika jew mis-sintassi korretta.*

f'dan il-proġett staqsa: "X'il-mnieghel qed jaqraw l-għalliema? Ngħid għalija, naħseb li moħħhom waqa' fuq il-letteratura tas-Seklu Tmintax li kienu tgħallmu fi tfulithom l-iskola!" Dawn huma l-għalliema li qed ikunu akkużati li "ittarrxu għal kollox għal-letteratura tal-fantaxjenza, u għalhekk ma jistgħux isegwu x'qiegħed jinteressa lit-tfal ta' llum."

In-nuqqas ta' qari serju qed iwassal għal problema oħra: il-livell kulturali qed jibqa' medjokri. Mhux kulħadd qed jaqbel ma' din il-konklużjoni, għax hemm min igħid li llum, it-tfal u ż-żgħażagħ qed jinfurmaw ruħhom b'metodi diversi, ngħidu aħna b'mezzi awdjoviżivi. Hemm dawk li jgħidu li dan ta' llum huwa fenomenu li għad igħaddi u li t-tfal (u magħhom il-kbar) għad jerġgħu jsibu l-gost tal-qari, sewwasew għax id-divertiment tal-qari huwa xi ħaġa privata, intima u awtonoma, u għada pitgħada kulħadd se jibda jixtieq mill-ġdid il-kwiet tal-privazija.

Dawk li huma aktar pessimisti jgħidu li l-epoka tat-televiżjoni u tal-vidjow issa kkondizzjonat wisq lit-tfal u liż-żgħażagħ u għalhekk mhux se jkun faċli li dawn jerġgħu lura għall-qari. Terġa' u tgħid it-televiżjoni rnexxielha toħloq lingwa ġdida għat-tfal, mimlija slogans pubbliċitarji u mbiegħda anki minn strutturi tal-grammatika jew is-sintassi xierqa. Kontra dan l-argument hemm edukaturi radikali oħra li jsostnu li llum, it-tfal għandhom esperjenza "plural-lingwistika" u huma assedjati minn mezzi qawwijin ħafna tal-mezzi tal-komunikazzjoni, l-aktar tat-televiżjoni u tal-vidjow.

Minħabba f'hekk jeħtieġ li l-iskola tattrezza ruħha biex tersaq lejn il-problema grammatikali b'mod ġdid u rivoluzzjonarju. Imqar meta tgħallem il-grammatika, l-iskola trid iżżomm f'moħħha l-bżonn kbir tal-kultura umanistika. L-aħjar triq hi dik li tinkoraġġixxi l-fantasija, tistimula l-aġilità mentali u psikoloġika u li tiffavorixxi l-ispirtu kreattiv ta' l-istudenti.

Kulħadd kapaċi jitgħallem il-kompjuter fi tliet xhur. Imma ħadd, jew ftit wisq, ikunu jistgħu jirkupraw il-kultura umanistika li qatt ma kienu kisbu qabel.

It-teknoloġija hija importanti, imma t-tekniżmu fid-divertiment huwa perikoluż ħafna. ■

**B**IEX WIEĦED JIFHEM TAJJEB x'wassal għar-rivoluzzjoni letterarja f'Malta tas-Snin Sittin, provokata minn grupp ta' awturi radikali li mbagħad iffurmaw il-"Moviment Qawmien Letterarju" (Jannar, 1977), jeħtieġ li nistudjaw l-isfond soċjali internazzjonali ta' dawk is-snin imqallba. Dak li kien qiegħed jiġri fl-Ewropa, fl-Amerika u saħansitra fl-Amerika Latina kien qiegħed jaffettwa l-kontenut tal-letteratura ġdida Maltija, l-aktar fil-qasam tal-poeżija u tad-dramm sperimentali.**



## SFOND INTERNAZZJONALI GĦAL LINJI ĠODDA

# FID-DAWL TAS-SNIN '60

Sena kruċjali kienet l-1968. Il-protesti kontra l-gwerra illoġika tal-Vjetnam kienu laħqu l-qofol tagħhom. Martin Luther King, il-mexxej tas-Suwed fl-Amerika, inqatel f'April. Ix-xahar ta' wara splodiet ir-rivoluzzjoni ta' l-istudenti u tal-ħaddiema f'Pariġi. F'Ġunju nqatel il-President John Kennedy. L-istudenti Taljani fl-Università tas-Soċjoloġija fi Trento bdew l-okkupazzjoni tagħhom tal-kampus. Saru manifestazzjonijiet kbar biex ifakkru l-ewwel anniversarju mill-mewt ta' l-eroj taż-żgħażagħ militanti, Che Guevera, maqtul is-sena ta' qabel. Fiċ-Ċekoslovakkja, it-tankijiet Sovjetiċi daħlu jgħaffġu fuq "Ir-Rebbiegħa ta' Praga" bit-tankijiet oppressivi tagħhom.

Hawn Malta, il-poeżija l-ġdida rriflettiet din l-aġitazzjoni kollha f'antoloġiji bħal *Antenni*, li kien qajjem kontroversja kbira u ġibed fuqu l-kundanna ta' dawk l-istituzzjonijiet konservattivi li riedu jkomplu jipproteġu l-letteratura skadenti. Fost dawn l-istituzzjonijiet jeħtieġ li jissemmew l-università u l-Akkademja tal-Malti, li mbagħad saru l-mira ta' offensiva kbira min-naħa ta' l-awturi l-ġodda l-aktar radikali.

Mill-aspett soċjali, is-Snin Sittin ma jibqgħux imfakkrin biss minħabba l-interess ġdid ideoloġiku ta' l-intellettwali żgħażagħ madwar id-dinja. Kienu wkoll snin li matulhom seħħet rivoluzzjoni qawwija f'dawk li huma drawwiet u tendenzi personali. Imqar il-mara l-ġdida nħakmet minn dan is-sens ta' rinnovament: bdiet tirrealizza aktar min hi, x'inhi l-funzjoni tagħha f'dinja maskilista. Fid-dehra tal-*miniskirt* tagħha kien hemm dikjarazzjoni tal-liberazzjoni femminili, ukoll dik sesswali. Għalhekk, tajjeb li nifhmu li fis-Snin Sittin, il-mara żagħżugħa, l-istudentessa universitarja, kienet protagonista, hi wkoll, fil-gost tal-konfront bejn il-forzi radikali u l-forzi konservattivi. Il-mara żagħżugħa ħadet sehem ukoll fir-rivoluzzjoni kulturali massiva li kienet qed issir. Bdiet tifhem il-funzjoni kulturali tagħha, riedet tieħu sehem fid-diskussjoni soċjali, politika u reliġjuża li kienet qed issir fiċ-ċentri kollha ta' l-Ewropa (il-mudelli kienu Londra u Amsterdam).

Il-ġenerazzjoni l-ġdida tas-Snin Sittin kienet ossessjonata bil-qari. Infatti, l-istudenti universitarji ħadu *status* ġdid skond il-qari li kienu qed jikkonsmaw. L-akkwist ta' kotba radikali kien importanti għar-rivoluzzjoni kulturali li riedu jistabbilixxu ż-żgħażagħ Ewropej (anki f'Malta), Amerikani, Sud Amerikani u Ażjatiċi. Fost iż-żgħażagħ kienu jiċċirkolaw il-kotba ta' Lin Piao, Marcuse, Lenin, Franz Fanon, Jean Genet, Mao Tse Tung, Che Guevara (id-Djarji), Pier Paolo Pasolini, Ronald Laing (*The Divided Self*), Gabriel Garcia Marquez (*Mitt Sena Solitudni*) u Simone de Beauvoir. Dawn kienu kotba li dehru f'Malta wkoll, anki jekk f'numri limitati minħabba li ċ-ċensura, kemm tal-Knisja kif ukoll ta' l-istat, kienet militanti.



L-intellettwali żgħażagħ kellhom l-idolu tagħhom fi sferi politiċi, soċjali u kulturali. Che Guevara, il-gwerillier li miet jiġġieled għal Kuba, kien sar eroj universali u miegħu seħbitu, Tanya, figura oħra kontroversjali ta' reżistenza politika kontra l-interventi imperjalisti. Guevara kien diskuss sew f'ċirki letterarji Maltin ta' l-avangwardja u poeta bħal Victor Fenech jew drammatriċi bħal Doreen Micallef kienu pproduċew xogħlijiet imnebbħin direttament mill-personalità ta' Ernesto Che, li barra milli kien ġellied għall-ħelsien f'Kuba kien ħadem ukoll għall-Kongo u għall-Vjetnam ta' Fuq, qabel ma nqatel fil-Bolivja meta kellu 39 sena.

Fiċ-ċinema kien hemm l-idoli wkoll: Brigitte Bardot, Jane fonda, Catherine Spaak jew Mita Medici kienu simboli favoriti li rrappreżentaw il-liberazzjoni sesswali, il-lotta taż-żgħażagħ emanċipati kontra d-dinja tax-xjuħ (argument li sab xorti f'diversi drammi ta' Francis Ebejer, il-pijunier tat-teatru modern f'Malta). Fil-mużika kienu qed jiddominaw il-*Beatles*, ir-*Rolling Stones*, *Pooh* u kantanti politiċi bħal Dylan u Joan Baez. Bdiet tinbidel l-etika soċjali: iż-żgħażagħ Ewropej bdew iħallu d-djar tal-ġenituri tagħhom biex imorru jgħixu f'komunitajiet żgħar. Kien f'dan il-perjodu li ffjorixxa l-moviment tal-*Hippies* u tal-*Flower Power*. Kien f'dan iż-żmien ukoll li daħlet "il-moda tal-faqar", taż-żagħżugħ u ż-żagħżugħa li jridu jgħixu "ta' fqar" bħala reazzjoni għad-dinja komda tal-borgeżija (il-klassi tan-nofs). Tbiddlet ukoll l-attitudni lejn id-dinja tax-xogħol u bħala simbolu tal-qagħda soċjali (*status symbol*), il-ġenerazzjoni taż-żgħażagħ fis-Snin Sittin intrabtet mal-ħaddiema manwali, fil-fabbriki u fit-tarznara. Il-pulizija wkoll, beda jidher bħala simbolu li għandu jkun attakkat




**L-involviment tan-nisa fis-Snin Sittin mess ukoll b'forza l-qasam politiku.**

minħabba li kien jirrappreżenta, f'għajnejn ħafna żgħażagħ, simbolu ta' poter arroganti u ipokrita.

Minbarra l-immaġni "bonarja" tagħha, il-ġenerazzjoni l-ġdida tas-Snin Sittin kellha wkoll l-element sovversiv u għalhekk, perikoluż. F'dan id-dawl ta' min isemmi l-battalja li kienet qed issir miż-żgħażagħ (l-aktar l-Amerikani) biex tkun legalizzata d-droga. Irid jissemma wkoll, ngħidu aħna, li fl-inħawi bħall-Italja, fi Trento, kienu diġà xxettlu ideat estremisti fost gruppi mmexxija minn uħud bħal Renato Curcio u s-sieħba tiegħu (wara martu) Margherita Cagol, li fis-snin Sebgħin iffurmaw parti mill-*Brigate Rosse* (Cagol inqatlet f'Ġunju, 1975).

Aspett ieħor ta' importanza li ħalla effett fuq il-letteratura l-ġdida tas-Snin Sittin f'Malta kellu x'jaqsam mas-satira. Dan il-ġeneru qadim daqs il-Griegi u r-Rumani, fis-Snin Sittin ingħata attenzjoni kbira. L-espressjoni satirika f'dawk l-għaxar snin kienet qawwija, offensiva ħafna u irreverenti. Il-ġeneru sab postu kemm fil-poeżija lokali kif ukoll f'tentattivi ta' awturi importanti bħal Oreste Calleja u Alfred Sant li, wara Ebejer, kienuż-żewġ drammaturgi li l-aktar gawdew popolarità waqt is-serati sperimentali ta' teatru li kien iniedi l-Moviment Qawmien Letterarju.

Ma nistgħux insemmu s-Snin Sittin mingħajr ma niftakru fl-interess ġdid li kien hemm fil-psikoloġija. Iż-żgħażagħ, min-naħa tagħhom, skoprew lil Freud u lil Jung, filwaqt li studjużi aktar adulti f'dak iż-żmien ta' ribeljoni bdew juru interess kbir fl-anti-awtoritarjaniżmu u l-protesti tal-ġenerazzjoni l-ġdida. Il-psikanaliżi bdiet tinxtered biex tinftehem il-politika, u l-politika biex tkun



**Ir-ribeljoni ta' l-istudenti Ċekoslovakki fir-Rebbiegħa ta' Praga, Awissu, 1968.**








Il-permissività sesswali (fuq), flimkien mal-letteratura progressiva ta' xi Garcia Marquez (lemin) u tiftix fil-fond għall-identità (isfel) kienu lkoll elementi ta' prijorità fis-Snin Sittin.



demokratizzata l-psikanaliżi. L-interess ewlieni tal-psikaliżi fis-Snin Sittin donnu li kien indirizzat biex jinftehmu x'kienu r-raġunijiet li wasslu biex tkun kumbattuta ġlieda daqstant qawwija kontra l-awtorità paterna li ħakmet l-ewwel sittin sena tas-Seklu Għoxrin.

Dan l-aħħar kien intervistat minn rivista Taljana l-psikanalista Elvio Fachinelli, li fl-1968 kien qed jagħmel studju tal-gruppi ta' studenti ribelli fi Trento. Ikkummenta hekk:

*"Il-miri tal-protesta kienu kontra l-awtorità falza tal-mexxejja: nies li kienu jriduk taħseb li huma ta' l-azzar, imma li fil-fatt, kienu magħmulin mill-kartun. Iż-żgħażagħ kienu qegħdin jipprotestaw kontra mexxejja li kienu jitkellmu b'leħen li ma kienx tagħhom, nies b'leħen arroganti li mill-vojt lussuż tal-palazzi tagħhom mingħajr twieqi kienu qed iheddu b'mewt nukleari. Il-protesta kienet immirata kontra soċjetà li, għalkemm setgħet tidher li ħelsithom mill-bżonnijiet bażiċi (id-dar, l-ikel, eċċ.), fl-istess ħin kienet qed thedded li ttellifhom l-identità personali tagħhom. Iż-żgħażagħ indunaw li kien hemm anomalija kbira: naħa waħda s-soċjetà donnha riedet toffri xi sigurtà immedjata imma, mill-banda l-oħra, il-prezz kien li tintilef l-identità tal-Jien. Minn hawn ġej il-fenomenu tax-xewqa ta' l-oppost, tal-ħsieb dissidenti fis-Snin Sittin."*

Il-kwotazzjoni ta' Fachinelli hija ta' siwi biex wieħed jifhem kif din il-kriżi, imnissla mill-biża' tat-telfien ta' l-identità personali, sabet post ukoll fil-letteratura moderna Maltija. Fis-Snin Sittin Malta kienet għaddejja minn kriżijiet kbar politiċi, reliġjużi u kulturali. Ħafna drabi ġara li l-politika tant tħalltet mar-reliġjon, ngħidu aħna, li ma kienx faċli li l-kuxjenza spiritwali ssib l-ekwilibriju tagħha bħalma lanqas ma kien faċli li l-letteratura ma timteliex b'espressjoni feroċi u ardita.

Kif fisser dan l-aħħar J.A. Consiglio f'artiklu mxandar fir-rivista *Problemi ta' Llum* (Ottubru, 1988), il-perjodu li qegħdin niddiskutu hawnhekk joffri tliet spunti għad-diskussjoni: (1) il-fażi kruċjali fl-istorja ta' l-iżvilupp soċjo-kulturali, (ii) it-tfittxija għal identità nazzjonali bbażata fuq il-kostituzzjoni ta' l-Indipendenza politika fl-1964, u (iii) l-isfond tax-xena internazzjonali mwassla f'Malta permezz ta' żviluppi importanti li seħħew fil-qasam tal-komunikazzjoni.

Is-Snin Sittin, bl-aġitazzjoni, bit-tensjonijiet u bl-enerġija intellettwali li splodiet matulhom, servew ta' stimolu qawwi għall-produzzjoni letterarja f'Malta, li kienet karatterizzata wkoll minn sens ta' avventuriżmu. Il-moviment letterarju ġdid irnexxielu jikseb koralità li kellha effetti pożittivi mqar mal-pubbliku vast li kien jisma' l-letteratura tinqara fuq ir-radju mal-mottivi tal-ġazz, il-mużika tal-libertà, jew li kien imur biex jiltaqa' fiżikament mal-poeti fl-imsieraħ, fuq il-baħar, fl-egħlieqi jew fil-katakombi.



# MUGĦANNI

## NOTI DWAR IT-TIENI TAQSIMA TA' L-ANTOLOĠIJA "TABERNAKLI"

**"Minflok il-mara grotteska, verżjoni deformata skond pjan ta' qerda, hawn tixref il-Mara mistika-senswali, imrawma aktar bħala punt ta' riferiment reliġjuż, bħala sies ta' viżjoni spiritwali, u bħala metafora letterarja."**
**OLIVER FRIGGIERI**

F'DIN it-taqsima, Mario Azzopardi jiskarta x-xbieha ta' mara grotteska li tant kien jużaha sal-1976, issena li fiha l-poeta ppubblika *Demgħat tas-Silġ*. Fis-sezzjoni msejħa *Mugħanni* (L-Għannej), tiġġenneb il-mara karikaturali, simbolu tat-taħsir u l-korruzzjoni. Minn *Tabernakli* 'l quddiem, il-femminilità għall-poeta ħadet tifsira radikalment differenti, għalkemm hemm kritiċi li osservaw li l-mistika femminili filpoeżija ta' Azzopardi kienet diġà qed tagħti sinjali tal-eżistenza tagħha f'xogħlijiet bikrin bħal *It-Tfajla tal-Muntanja* (1970).

Minflok il-mara "imħassra" u "immankata" issa daħlet xbieha aktar misterjuża u spiritwalizzata. Huwa f'dan is-sens li fid-daħla kritika tiegħu, O. Friggieri jgħid li għall-poeta, il-Mara issa sar għandha viżjoni reliġjuża.

Minbarra attenzjoni ġdida lill-aspett fiżiku armonjuż, il-poeta juża l-ħin kollu żewġ metafori importanti. L-ewwel metafora hi waħda letterarja, li għal Azzopardi tirrappreżenta lill-istess poeżija. It-tieni metafora għandha x'taqsam max-xbieha tal-Mara bħala simbolu tar-Ruħ (Anima). F'dan it-tieni każ, il-leħen femminili fil-kuxjenza tensa ta' l-artista jikkorrispondi mal-vuċi misterjuża u femminili li kien irrefera għaliha Jung meta kiteb dwar il-kuxjenza artistika.

Hemm aspett ieħor ta' importanza kbira fit-Taqsima *Mugħanni* u dan huwa l-aspett funerarju. F'*Tabernakli*, il-Mewt ukoll tikkorrispondi mal-femminilità. Bħalma l-artist ifittex serħan fil-Mara (bħala preżenza fiżika u wkoll bħala simbolu reliġjuż) hekk ukoll il-Bniedem għandu fih xewqa subkonxja li jirritorna lejn il-"ġuf ewlieni", lejn l-Art, lejn in-Natura, li hi wkoll ġeneratriċi. Bir-ritorn lejn in-Natura (Omm, u għalhekk Mara), il-poeta jittama li jirritorna f'post ta' mistrieħ biex jissaffa u jitwieled għal xi forma ta' ħajja oħra, innoċenti jew primordjali.

Ix-xewqa tal-Mewt issir xewqa ta' destinazzjoni: il-poeta jistieden lill-Mara biex tissieħeb miegħu fil-ġest finali li jittrasportawh lejn il-ġuf vast ta' l-eternità. Huwa għalhekk li l-Mara ssir "ċimiteru bla dati" jew "prinċipessa" ta' l-imwiet.

"Yin" u "Yang". Qamar u Xemx. Femminili u Maskili. Mill-opposti jitwieled l-ekwilibriju perenni tan-Natura. Dan it-tagħlim jinsab fit-"Tao" (Il-Mogħdija), l-aktar sistema filosofika antika li nafu biha. F'*Tabernakli* l-poeta jagħmel referenzi ċari għal din il-filosofija orjentali.





Il-preżenza femminili f'*Mugħanni* tipprova tressaq lejn xulxin lir-realtà universali u r-realtà personalizzata u intima. Fi kliem ieħor, Azzopardi donnu qiegħed jissuġġerixxi ekwilibriju bejn l-ispazju vast u enormi ta' barra (l-univers) u l-ispazju interjuri f'ruħ il-poeta stess (il-kuxjenza individwali).

Terġa' u tgħid, minħabba l-isfiduċja tipika tiegħu filġens Malti, mifrud fih innifsu minħabba interessi klassisti jew politiċi, Azzopardi wera li resaq lejn alternattivi kulturali, bħall-Orjentaliżmu. Il-kultura tal-Lvant Imbiegħed hi magħrufa għall-istati trankwilli tagħha, u għat-twemmin li l-kożmos huwa bilanċjat fih innifsu permezz tat-tgħaqqid taż-żewġ forzi opposti, femminili u maskili ("Yin" u "Yang"). Hawn ukoll, il-poeta jipprova japplika l-fehma orjentali biex jifhem lill-intimu tiegħu, jiġifieri jipprova joħloq univers interjuri. Mill-makrokożmu vast li jirrappreżenta l-univers, il-poeta jgħaddi biex jifhem il-mikrokożmu privat tiegħu u jagħtih identità spiritwali.

Dan it-tiftix għall-bilanċ jew għall-ekwilibriju huwa tiftix bla heda. It-tensjoni li tista' tinħass fil-poeżija lirika tal-poeta titnissel sewwasew mill-inabbiltà ta' l-artist li joħloq armonija bejnu u bejn l-Essenza Femminili li qiegħed ifittex bl-aktar mod "reliġjuż". Hija din l-ossessjoni spiritwali li, fil-fehma ta' Friggieri, iġġiegħel lil Azzopardi "jfittex il-Poeżija fil-Mara u l-Mara fil-Poeżija."

JOANNA GRECH

# TABERNAKLI

## X'QALU L-KRITIĊI

"Azzopardi reacts to the trend of idealising (Maltese) village life and presenting it as something pure and idyllic. Instead he finds this environment stifling and oppressive. In *L-Għabex tat-Tliet Nisa* Azzopardi uses a technical devise whereby he substitutes the common rhythm-rime prayer with nonsense verse; by implication he thus condemns the sterility of traditional forms of worship which have been a crucial influence in moulding our mentality and way of life."
(G. Scerri, *The Democrat*,. 14.7.79)

"Fid-daħla tal-ktieb tiegħu *The Mystical Element in Religion* F. Von Hugel jiddistingwi tliet elementi f'kull reliġjon: l-element *intellettwali* (mit, domma, twemmin, teoloġija); l-element *istituzzjonali* (riti soċjali, struttura, organizzazzjoni); u l-element *mistiku* (esperjenzi speċifiċi u prattika axxetika). Nistgħu ngħidu li Azzopardi jissellef għall-iskopijiet tiegħu mit-tliet kategoriji. Minn ta' l-ewwel jieħu l-mit; minn tat-tieni jieħu r-rit; minn tat-tielet jieħu kemm l-esperjenza tipikament reliġjuża kif ukoll il-mottiv penitenzjali li huwa kostanti fil-ġabra kollha, u li huwa enfasizzat b'mod speċjali fit-tielet taqsima." (Joe Friggieri, *Il-Mument*, 22.7.79)

"*Azazel* hija l-mogħża tat-tpattija, il-bhima li fir-Rabta l-Qadima kellha ġġorr simbolikament id-dnubiet tal-poplu kollu. Hija wkoll, għalhekk, simbolu ta' Kristu, li ħa fuq spallejh id-dnubiet tar-razza umana. Azzopardi jħossu responsabbli għal niesu u jgħolli leħnu f'isimhom, sew biex jitperrċu ħtijiethom, sew biex jikxef it-tbatija tagħhom, sew biex jiftħilhom għajnejhom u joħroġhom mill-injuranza, u sew biex ilissen it-tama li xi darba għad jinħelsu.... Il-poeżiji kollha f'din it-taqsima (sebgħa b'kollox) jgħaqqdu l-element soċjali-politiku ma' l-elementi penitenzjali-reliġjuż. Il-forma ħafna drabi tixbah lil dik tas-salm, b'ripetizzjoni litanika ta' l-ewwel kelma f'kull vers (eż. *Is-Siegħa tal-Ħanżir*). Hemm ukoll l-introduzzjoni ta' kwartini fuq l-istil tal-kurunelli tal-qaddisin, referenzi bibbliċi spissi u l-lament ta' poplu tturufnat u msawwat li Alla "nsieħ nofs triq".
(Joe Friggieri, *Il-Mument*, 29.7.79)

"F'*Tabernakli*, il-poeta-vjaġġatur tul il-misteru ta' l-eżistenza huwa l-mudell perfett ta' dak li qed jistaqsi f'isem l-umanità, ta' dak li qed jaħseb b'moħħ l-umanità u għall-umanità: huwa dak li, għall-umanità, qed imut mitt mewta kuljum minħabba tbatija bla limiti u bla tama li tintemm. *Tabernakli* għandu t-timbru etern ta' era ġdida ta' ispirazzjoni, sbuħija u mistiċiżmu li ġiet fuq Azzopardi."
(Doreen Micallef, *It-Torċa*, 23.7.79)

"Azzopardi's poems here build up to impassioned climax or sink to a muttered meditation; a general vision suddenly focusses down to the poet or, vice-versa, the poet's microcosm reaches out to a macrocosm of limitless boundaries."
(Paul Xuereb, *The Sunday Times*, 5.8.79)

"In no section of *Tabernakli* is Azzopardi's greater maturity both as a person and as a writer seen than in the third, *Azazel*. His poems about Malta are as critical as ever, but without the explosive anger of the past. Instead there is a despair that is quiet and deadly, a restrained disgust with a country bereft of dignity, making the rounds cap in hand; this verse is structured with care into a ritual lament that cleanses even as it wails." (Paul Xuereb, *The Sunday Times*, 5.8.79)

"Ir-reliġjon tidwi l-ħin kollu f '*Tabernakli*, xhieda li s-subkonxju tal-poeta jhewden bla heda fuq soluzzjoni aħħarija tal-problema tar-ruħ f'tiftixa kontinwa ta' verità traxxendentali li taqbeż il-limiti imposti min-natura u, speċjalment, mill-ġisem."
(Joe Felice Pace, *Illum*, Ottubru, 1979)

"*Tabernakli* is a further indication of Azzopardi's sense of discovery and relentless search. This work shows clearly that in Azzopardi, the deeper layers of his poetic soul were partially eclipsed by his earlier brash verse which earned him the title of the *enfant terrible* of Maltese literature." (A. Storace, *The Times*, 20.9.79)

"*Tabernakli* gives the reader the impression of a stylized ritual reduced to a few rich gestures. Here poetry becomes an avowal of death but also a quest for a new life. Microcosmic details are repeatedly evoked in a kind of religious ceremony which needs to invoke purification. One is reminded of a journey into darkness where poetry is echoed as if in a beautiful prayer." (A. Storace, *The Times*, 20.9.79)

"*Tabernakli* registers the second phase of a dialectic which Azzopardi started in the Sixties. The first phase was the destruction of the old lyricism and the second, the creation of a new one. It is from this dual purpose that the present-day poetry draws its contradictions and ambiguities. Azzopardi has had more than his share in shattering the complacent, picture-imagery of traditional poetry. But now his mood is changing; his *apoetry* is dissolving. *Tabernakli* contains none of the shattered sentences, the broken rhythms, the verbal bombardments which had become the natural idiom of his poetry in the past. Now we have a maturer poet aiming not so much at destruction than at transposition." (*The Times*, 20.9.79)



**Ritratt: żewġt aħwa nisa (F. Léger, 1935)**

# ĠORĠ ZAMMIT INTERVISTAT (2)

minn ĠORĠ MIFSUD





Zammit ma' sħabu ta' Scots College (1951); *lemin*: Zammit ma' l-Arċisqof M. Gonzi, il-Gvernatur Bonham-Carter u l-Prim Ministru Ġ. Borg-Olivier fil-ħamsin anniversarju tal-Banda "La Vittoria" tal-Mellieħa.

## IL-POEŻIJA TAL-KRIŻI

Xi kriżi 'l hawn u 'l hemm fil-ħajja kulħadd jiltaqa' magħha. Inkwiet, mard, il-mewt ta' xi persuna għażiża jistgħu jikkawżaw kriżi li bil-mod tintesa. Illum, li Alla għoġbu jagħtini għomor aktar milli kont nistenna, inħares lura lejn is-snin li għaddew u nilmaħ, ħerġin bħal gżejjer fil-baħar ta' l-imgħoddi, ċerti ġrajjiet li ftit jew wisq ħallewli ġerħa li ma tingħalaqx.

L-ewwel waħda kienet il-mewt ta' oħti Karmena fl-età ta' disa' snin, meta jien ma kellix aktar minn ħames snin. Ma ninsa qatt l-impressjoni li għamlitli meta rajtha mejta, mimduda u mdawra bil-ward ta' l-istefanotis, bi tbissima tassema fuq fommha.

Żjariet oħra fil-familja l-mewt ma naqsitx li tagħmlilna, minn dak iż-żmien 'l hawn. Membri maħbubin, bħalma huma l-ġenituri (mimlijin għomor, nižžiħajr 'l Alla) u oħti Marija naqsu, u ħallew vojt li ma jimteliex; imma mewt oħra li f'qalbi ħartitli radda li ma tingħalaqx kienet dik ta' ħija Leone, fl-età ta' dsatax-il sena. Fl-ewwel ktieb ta' poeżiji tiegħi, li kien bl-Ingliż (għax dak iż-żmien kont għadni ma bdejtx nikteb bil-Malti), *Lyrical Moments* (1939), kont iddedikajt żewġ poeżiji, "Lonely" (paġ. 80) u "In Memoriam" (paġ. 81), u fil-ktieb *Poeżiji* ddedikajtlu oħra, "It-Tnejn ta' Novembru" – *Nhar it-tlieta u għoxrin sena mill-mewt tiegħu* (paġ. 103) li fiha din l-istanza:

*Le; l-mewt ma toqtolniex meta l-imħabba*
*Li nħallu wrajna żżommna magħqudin*
*Ma' min, tul ħajtu, qasam magħna l-ħobża*
*Li żżomm il-qlub fl-imħabba marbutin.*

Iżda m'hix biss il-mewt li toħloq kriżi fina. Hemm ħafna ċirkostanzi fil-ħajja li jġibuna b'daharna mal-ħajt u jħallu impressjonijiet li ma jintnesewx maż-żmien. L-ewwel ħames stanzi ta' "Il-Għanja tas-Seba' Niċeċ" (paġ. 9) m'humiex ħlief żvog ta' qalbi u moħħi meta jien kont għaddej minn żmien ta' prova l-aktar ħarxa u diffiċli, żmien ta' sħab iswed jhedded madwari. Għalhekk

*Imfarrak mill-ħalla tal-ħajja,*
*Imsakkar mis-sakra tal-qilla,*
*Imnixxef mill-għatx ta' tbissima,*
*Imsaħħar minn leħħa ta' ħolma,*
*Qfilt biebi – u tlaqt lejn il-beraħ,*
*U tfejt il-musbieħ tat-tifkira*
*Tal-ħajja bl-imrar kollu tagħha.*

Kont għadni student fl-Università ta' Malta meta għall-ewwel darba ħassejt in-nar ta' l-imħabba jixgħel f'qalbi. U dan in-nar ma naqasx li jqabbad nar ieħor fil-qalb ta' dik li fuqha kont tfajt għajnejja. Kienet imħabba sabiħa, kbira u sinċiera – u jien ma domtx ma ġejt aċċettat fid-dar tat-tfajla mill-ġenituri tagħha. Missierha kien għamel isem kbir għalih innifsu fil-kamp tal-mużika, mhux biss f'pajjiżna iżda wkoll barra, u hu u martu kienu jħobbuni daqslikieku kont binhom.

Imbagħad, bħal sajjetta fil-bnazzi, ġiet fuqi l-kriżi li għadha stampata f'moħħi b'mod li jgħaddi kemm igħaddi żmien xejn ma jħassarha. Inqum mis-sodda, għodwa waħda, wara lejl ta' mistrieħ perfett, u għal xi raġuni li qatt ma sirt naf x'inhi, sibt ruħi nistaqsi lili nnifsi: "Għaliex ma titlaqx kollox u tagħti ruħek għas-servizz ta' Alla u tal-proxxmu bħala saċerdot?" Kienet qisha sejħa minn ġewwa, u jien ma stajtx ma nitħassibx. Bħal ħafna subien oħra, meta kont tifel kont inħobb inservi fil-knisja bħala abbati, u kont inħossni miġbud ħafna lejn il-ħajja ta' saċerdot. Kont nakkumpanja kull vjatku li kien isir fir-raħal tiegħi (Ħal Qormi) b'fanal li missieri kien xtrali apposta. Imma meta tfarfart u sirt ġuvni deherli, li bl-imħabba kollha li kelli għall-knisja, jien ma kontx it-tip li tfittex f'saċerdot – u nktibt fil-Kors tal-Letteratura fl-Università, bil-ħsieb li, 'il quddiem, inkompli għal avukat.

## "Hemm ħafna ċirkostanzi fil-ħajja li jġibuna daharna mal-ħajt u jħallu impressjonijiet li ma jintesewx maż-żmien."

Issa, li din il-ġibda lejn il-ħajja u x-xogħol u l-missjoni tal-kleru reġgħet qabditni, kelli ngħaddi minn purgatorju ta' dubji — kienet vera vokazzjoni jew sempliċi illużjoni? Minn banda baqgħet fija l-ġibda kbira lejn it-tfajla li kont ħabbejt; mill-banda l-oħra dik is-sejħa misterjuża serqitli kull serħan. Fittixt il-parir ta' konfessur u qalli hekk: "Jekk inti qed tħossok miġbud lejn ħajja dedikata għas-servizz t'Alla u tal-proxxmu fil-Knisja, mur, ipprova. Jekk hi vera sejħa t'Alla, inti tkompli; jekk tara li m'hix, ma jiġri xejn; Alla jkun jaf li int irrispondejt dak li inti kont ħsibtu sejħa Tiegħu, u jagħtik l-għajnuna li jkollok bżonn".

Il-laqgħa mat-tfajla fejn għedtilha li se jkolli nħalliha biex ningħalaq ġo seminarju; is-sentejn mgħoddija fi Scots College, Ruma; l-inkwiet li għaddejt minnu meta bdejt nittendi li dak li ħsibtu vokazzjoni ma kien xejn minn dan; l-għali tal-familja tiegħi meta għarrafthom li kien fiħsiebni nerġa' lura — dan kollu ħalla l-marka tiegħu f'moħħi u f'qalbi. Il-poeżiji "The Great Love" u "To the Light that Was" fil-ktieb *Lyrical Moments* (paġ. 14 u 15) u "Lil Ħolma li Baqgħet Ħolma" fl-antoloġija *Poeżiji* (paġ. 91) jirriflettu mill-bogħod xi ftit mit-torturi li għaddejt minnhom dak iż-żmien ta' dubji li bdew jiġuni meta bdejt nintebaħ li dik it-triq li kont qbadt ma kinitx tiegħi.

*... I knocked at the gates of Heaven, and prayed*
*That my pains and my ills might be allayed;*
*But I learnt that yet there was much to be paid*
*That the light in my heart might live....*

U f' "To the Light that Was":

*In flowers, in trees, in air I sought Thy presence,*
*And thought I had at last Thy sweet kiss:*
*Then came the blow — and all around was darkness,*
*And deep I fell, into the dread Abyss.*

F' "Il-Ħolma li Baqgħet Ħolma" naħseb f'dik l-ewwel imħabba ħafna u ħafna snin wara, u nħoss li dik il-ħolma żammet intatta l-ħlewwa tagħha appuntu għax baqgħet ħolma: kieku twettqet, min jaf x'kien ikun?

*Imkebba fil-fosdqa ta' ħolma,*
*Imbenna f'dirgħajn il-Mulej,*
*Kont ħolma — u ħolma ridt tibqa'*
*Li tħaddan il-Kollox u x-Xejn.*

*Ridt tibqa' fil-fosdqa li minnha*
*Tittajjar, farfett ma jintemmx,*
*U żżejjen bi ġmielek is-sema,*
*B'dijietek ix-xemx.*

### TWEĠIBA MUDELL

# GĦALA ZAMMIT HUWA POETA ROMANTIKU?

1. Ir-rabta kbira li jsib bejnu u n-natura, li hija tant għażiża għar-romantiċi: il-lokal jidher fl-aspetti sħaħ tiegħu fis-siġar, fil-fjuri, fl-għerien u l-elementi l-oħra kollha li jidhru dejjem xi mkien magħżul. Hija d-dehra ta' Malta kif inħalqet minn idejn Alla. Din in-natura hija dinja sħiħa li jintelaq fiha u biha jersaq lejn id-dinja spiritwali u għalhekk hemm rabta sħiħa bejn in-natura bħala d-dinja ta' barra u ruħ il-poeta merħija f'idejn Alla (ir-reliġjon) u d-dinja ta' ġewwa.
2. Zammit iħares lejh innifsu bħala bniedem u bħala poeta fid-dinja tan-natura. Fiha jagħraf il-valuri tiegħu u lil Alla. Jinqeda bil-forma metrika tradizzjonali u bil-kelma mirquma biex bħar-romantiċi joħroġ il-bilanċ formali.
3. Tematikament Zammit huwa spiritwalment romantiku: i. in-nuqqas ta' serħan, ii. iċ-ċaħda ta' kull kontroll, iii. is-sentiment qawwi suġġettiv mgħobbi bi spiritwalità kbira, iv. il-kuntrast kbir bejnu u l-bqija tad-dinja li tilfet l-iskop ewlieni tagħha tal-ħajja (ara, "F'Wied il-Bużbież").
4. Is-sejħa tan-natura jqisha bħala vokazzjoni. Hi stess issejjaħlu, hi tressqu lejn il-ħolqien, tbiegħdu mill-aljenazzjoni li qegħdin fiha l-bnedmin l-oħra ("Darba f'Wied Babu"), u turih l-iskop tad-dinja l-oħra.
5. L-importanza tar-reliġjon (ara, *Analiżi*, v. I, n. 3, paġ. 23).
6. Hu stess jiddefinixxi lilu nnifsu bħala poeta: il-bniedem ideali, bil-personalità morali milli fantastika. Irid janalizza kollox u ma jitbiegħedx mit-tbatija ("Il-Bilbla", "Lil Werżieq tal-Ħarrub", "Gelmus" u "Lil Karmenu Vassallo" vv. 13–14).
7. Zammit joqgħod mat-tifsira *universali* tar-romantiċiżmu. Definizzjoni tar-Romantiċiżmu bħala moviment letterarju.







**Ludgarda u Ġorġ Zammit, omm u missier il-poeta u (xellug) Zammit f'ritratt reċenti.**

# XEROX

## makes History again in Malta. This time, with Flying Colours




- Copies from 35mm slides.
- Single or full colour copying onto transperancy material.
- Reproduces fine detail and soft colours.
- Single colour copying.
- Enlargement and reduction.
- Consistent copy quality.
- Copies three dimensional objects.
- Improves picture quality.

*AT THE*

XEROX COPY BUREAU

image systems ltd.
11, Vincenti Bldgs., Strait Str., Valletta.
Tel: 226550, 229205

XEROX
TEN · YEARS · IN · MALTA

PROMOTION SERVICES LIMITED

## ĠUŻÈ ELLUL MERCER:

# LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR

## L-Iżvilupp ta' l-Azzjoni fir-Rumanz (3)

### IT-TIENI KTIEB

### FTUĦ IL-GĦAJNEJN U TLELLIX

### I—V

**Dan il-Ktieb mill-ewwel jixhed ix-xejra moderna fin-narrattiva tar-rumanz. Ġużè Ellul Mercer ma jibqax jikkummenta fuq il-ħajja tal-familja ta' Braġ jew ta' l-inqas fuq il-ħajja ta' Leli l-iskola kif spiċċa fl-ewwel Ktieb. Anzi, wara r-referenza għall-ambjent familjari ta' Vira, ta' ommha, ta' missierha u ta' oħtha, lil Leli jippreżentah bħala żagħżugħ ta' wieħed u għoxrin sena li daħal jaħdem ma' l-Aħwa ta' Buċagħak u li fi żmien sentejn kien laħaq dara biżżejjed biex jibda jżommilhom il-kotba ta' l-intrapriża. Kważi ma nafu xejn x'għadda mingħalih fil-ħames snin bejn is-sittax meta ħareġ mill-iskola sakemm tħajjar għal Vira.**

Hemm xi karatteristiċi komuni fil-ħajja u fit-trobbija ta' Leli u Vira li bihom l-awtur donnu jissuġġerixxi li setgħu kienu r-raġunijiet li ħajruhom biex jinġibdu lejn xulxin, m'għandniex xi ngħidu barra l-ġibda fiżika ta' bejniethom. It-tnejn kelhom xejra *introverta*, dejjem joqogħdu jaħsbu u jħammu fit-tul fuq il-ġrajjiet li jgħaddu mingħalihom. Tant hu hekk li bdew jimmaturaw aktar kmieni minn ħaddieħor ta' l-età tagħhom u jaslu biex jieħdu deċiżjonijiet ta' siwi għalihom. Ngħidu aħna, Leli qabad jaħdem fl-istess żmien meta missieru kien "tilef in-negozju u sab ruħu id wara l-oħra quddiem" (paġ. 32): dan għax ħass il-bżonn li jgħin lill-familja mill-inqas sentejn qabel ma ħuh Ninu daħal it-tarzna. Bħal Vira, Leli kien il-kbir fost l-aħwa. It-tnejn bdew iħossu fuqhom it-toqol tal-familja minn kmieni: Vira, għax ommha Liża ħallietha ta' dsatax-il sena wara riħ ta' ċmajra u kellha tieħu ħsieb id-dar, ħsieb missierha u ħsieb oħtha marida; Leli għax missieru kien berbaq kollox. Imbagħad, il-mard ta' Rożi minn banda u l-ħajja mħarbta tas-Sur Tonin mill-oħra komplew itaqqlu l-piż tal-ħajja fuq spallejhom. L-armonija tal-familja tagħhom it-tnejn kienet b'xi mod jew ieħor mittiefsa. U Vira minħabba ommha u Leli minħabba missieru tilfu l-aktar persuna viċin tagħhom li setgħet tgħinhom fil-problemi intimi ta' mħabbithom.

It-tnejn kienu introverti wkoll għax ma kellhomx aħwa tas-sess l-ieħor. Ħut Leli kienu kollha subien u Vira kellha 'l Rożi biss. Dan ifiehem ukoll is-sens kbir ta' ansjetà li ħassew fihom, aktar minn ħaddieħor fl-istess ċirkustanzi, sakemm iltaqgħu flimkien għall-ewwel darba wara li laqgħu l-istedina ta' xulxin kif ukoll matul l-ewwel laqgħa tagħhom: "Vira ħarġet fuq ponot subgħajha... b'qalbha tħabbat u kiesħa daqs biċċa silġ.... Mistħija mistħija resqet fuqu... [u] minn xħin waslet ħdejh sa tista' tgħid xħin telqet, baqgħet il-ħin kollu b'wiċċha nofsu mdawwar, u ma ħarsitx ħarsa waħda biss lejn Leli" u "... Kif lemaħ 'il Vira ġejja lejh, qaħqaħ tqaħqiħa, u tħarrek kemmxejn minn fejn kien.... Leli ġabar ħiltu kollha, resaq ftit aktar qrib milli kien lejha.... (paġ. 40, 41).

Fid-deskrizzjoni ta' Vira tinħass għall-ewwel influwenza mir-rumanzi romantiċi, donnha t-tfajla tipika raħlija li ġġennen lil kulħadd għal warajha bil-perfezzjoni tal-karattru tagħha, tant li "kienet tinnamrak minnha qabel tiftaħ fommha biex tkellmek" (paġ. 31). Madankollu, il-ħajja ta' kuljum m'hi xejn ħafifa minħabba l-mewt ta' ommha, id-deni biered ta' Rożi u d-dixxiplina ta' missierha Ġammarì. Anki fl-aktar waqt sabiħ ta' mħabba fl-istedina ta' Leli hemm il-kruha tat-tbatija: "... Vira, għadilli kellha għoxrin sena,... kienet ġà bdiet tħoss

**Ħajr għar-ritratti f'dan l-artiklu:** ***Malta Talent Artistes.***

**ikompli f'paġna 16**







# DIACONO
## U R-REALIŻMU GĦALL-PALK



**Hemm tendenza komuni fil-kritika teatrali li tqis li missier ir-Realiżmu huwa n-Norveġiż Henrik Ibsen (1828–1906). Iżda hemm kritiċi oħra li jgħidu li r-Realiżmu u n-Naturaliżmu (aspetti marbuta magħhom imma li mhux bilfors ifissru l-istess ħaġa) kienu diġà jeżistu fid-drammi Griegi (eż. *Is-Sħab* ta' Aristofani) jew fi drammi rinaxximentali bħal *Arden of Feversham*, xogħol attribwit lil Thomas Kyd. Dan id-dramm li semmejna l-aħħar huwa mibni fuq fatti li jingħad li ġraw tassew fil-belt ta' Kent u li seħħew f'familja borġiża fejn il-mara qatlet lil żewġha wara li kienet ittradietu sesswalment. Il-bidliet soċjali li bdew iseħħu fil-bidu tas-Seklu 19 ħabbru wkoll sinjali ċari li t-teatru kellu jieħu xeħta ġdida. Il-qagħda soċjo-politika fir-Russja tal-Kżar kienet wasslet lil awtur bħal Nikolai Gogol biex jikteb *L-Ispettur Ġenerali* (1836), satira bla ħniena dwar il-korruzzjoni provinċjali f'dawk iż-żmenijiet. Russi oħra li bdew jinteressaw ruħhom fir-realiżmu familjari kienu Turgenev, Chekhov u Ostrovsky, awtur li kien interessat fl-intriċċi kbar li kien hemm fil-ħajja tan-negozjanti u n-nisa tagħhom. Min-naħa l-oħra, it-Teatru ta' l-Arti ta' Moskow, bis-saħħa ta' diretturi eċċezzjonali bħal Stanislavski u Vladimir Danchenko, kien qed jippreżenta d-drammi famużi ta' Chekhov: *Il-Gawwija* (1896), *Iz-Ziju Vanja* (1899), *Tlitt Aħwa Bniet* (1901) u *Il-Ġardina taċ-Ċirasa* (1904).**

Awtur ieħor Russu li [...] iddedika l-arti teatrali tiegħu [...] miżerabbli tas-soċjetà fi żmien [...] imperjaliżmu tal-Kżar kien Max[...] Gorki, meqjus bħala profeta [...] bennej tar-Rivoluzzjoni Bolxevis[...] tal-1917. L-aqwa dramm ta' Gork[...] *Qigħan* (1902) jikkonċentra fu[...] karattri li m'għandhomx għaxja ta[...] lejla, li jgħixu bil-vagabondaġġ u[...] f'kundizzjonijiet li ma jitwemmnux. Mhux ta' b'xejn li s-suwiċidju jidher bħala l-uniku mezz biex jinħelsu mit-tirannija tal-fatti li jiddeterminawlhom ħajjithom.

Ibsen biex inkunu preċiżi, nistgħu nikklassifikawh bħala missier ir-Realiżmu Modern. Il-karattri tiegħu m'humiex immexxijin minn impulsi bla sens jew irrazzjonali u jagħmlu mill-aħjar biex jippruvaw jaddattaw ruħhom għaċ-ċirkostanzi tal-ħajja jew ta' xi rieda sopranaturali. Is-sens ta' kriżi huwa kruċjali fid-drammi ta' Ibsen u l-karattri tiegħu jippruvaw jibbilanċjaw l-emozzjoni bir-raġuni, imqar jekk ma jirnexxilhomx jirrikonċiljaw ruħhom mal-ħajja.

Ibsen joffri każ tipiku ta' Realista "li jirraġuna" (jew aħjar li jħalli lill-persunaġġi tiegħu jirraġunaw). L-awtur Norveġiż joħloq diskussjonijiet għat-tul bejn il-persunaġġi marsusin fi kriżi (eż. il-miżżewġin fid-dramm *Dar ta' Pupa*). Iżda awtur bħal Emil Zola huwa differenti għal kollox: għalkemm involut f'xogħlijiet naturalisti (u hawn hi d-differenza bejn ir-Realiżmu u n-Naturaliżmu), Zola jipproponi karattri li huma motivati mill-istint primarju tas-sess u ta' spiss "jisplodu" minħabba tensjoni annimaleska jew primittiva. Meta, fi dramm famuż ta' Ibsen, Hedda Gabler tikkommetti suwiċidju billi tispara għal rasha waqt li tkun qed iddoqq il-pjanu, l-att fatali jseħħ wara li l-mara tkun ikkalkulat kollox u wara li tkun iddeċidiet li t-turmenti tagħha huma mnissla min-nojja, minn xi ħaġa essenzjalment morali li hemm nieqsa f'ħajjitha. Fil-qafas tat-teatru Malti, Ġużè Diacono għandu jkun identifikat mar-Realiżmu, mhux man-Naturaliżmu. Fil-karattri tiegħu hemm dejjem



**Hedda Gabler (interpretata minn Josette Ciappara) fi produzzjoni fit-Teatru Manoel, 1980, diretta minn Mario Azzopardi.**

għaddej il-fil tar-razzjonalità. Il-persunaġġi li joħloq jistgħu jikkommettu l-ħsara (lilhom jew lil ħadd-ieħor), jaħsbu biex isewwuha iżda ma jirnexxilhomx. Diacono jaċċetta wkoll li l-bniedem huwa kreatura ħatja ta' bosta inġustizzji u bosta fallimenti: iżda kemm hu responsabbli l-bniedem?

Punt importanti fix-xogħol ta' Diacono għandu x'jaqsam mal-fehma li l-bniedem huwa kondizzjonat miċ-ċirkostanzi, u mqar minn kondizzjonijiet ġenetiċi. Fil-kuntest tar-Realtà sopranaturali, il-bniedem huwa biss punt fiss u inalterabbli. Iżda, mill-banda l-oħra, il-karattri ta' Diacono jikkumbattu, jaġixxu wara li jaħsbu. F'intervista li kien ta lill-ġurnal *It-Torċa* (11.2.1979), Diacono kien stqarr: *"Jien interessat fil-bniedem imsallab fuq salib, imma li, wara kollox, iħobb u jaċċetta".*

Diacono huwa interessat ukoll fir-relazzjoni soċjali tal-bniedem. Jemmen li l-effetti tad-dnub ta' Kajjin għadhom jippersegwitaw lill-umanità, u għalhekk, in-natura umana hi egoista, tema li tinvadi l-ħin kollu d-dramm *L-Ewwel Jien!* Dwar dan ix-xogħol tiegħu, l-awtur ifisser:

> *"Veru li hemm fil-bniedem il-potenzjalità tat-tjieba, imma mhux anqas qawwija hija l-ġibda lejn il-ħażen. Tassew li kien hawn Kristu, imma l-bniedem sallbu; u jekk Kristu jerġa' jiġi, is-soċjetà umana terġa' ssallbu."*
> (*Wara Ibsen*, 1972)

Diacono jistqarr illi jekk il-karattri tiegħu jipprotestaw kontra l-inġustizzji soċjali, hu jinqeda bihom, jew aħjar b'egħmilhom u bi kliemhom, jew bil-protesta tagħhom, biex juri li qed jeħodha kontra l-kundizzjoni umana. Diacono jżid, b'danakolu, li dan ma jfissirx li huwa "jindaħal" lill-karattri tiegħu: *"Jien narahom bħala persuni indipendenti minni*, li jagħmlu dak li hu xieraq jew li jħossu li għandhom jagħmlu jew igħidu, wara li jaħsbuha jew b'xi reazzjoni instantanea. Nosserva dak li jgħidu u jagħmlu, u mġibithom twassalni għall-konklużjoni li, waqt li hu minnu li fid-dinja hawn ħafna ġenerożità — u allaħares ma kienx hekk — il-wirt ta' Kajjin għadu magħna wkoll u għadu u jibqa' jikkondizzjona u jinfluwenza lill-bniedem." (Ara, *Intervista ma' Diacono, Il-Mument*, 4.9.1988)

L-awtur huwa konvint li huwa l-egoiżmu u mhux l-altruwiżmu li jmexxi lid-dinja (fit-tajjeb u fil-ħażin). Fl-istess intervista li ta għall-paġna letterarja ta' *Il-Mument*, Diacono xebbah lill-ħajja ma' "ikla twila, fejn wieħed jiekol lil ieħor, sensiela ta' tirannija li tibda mill-iċken wieħed u ma tispiċċax fl-aktar għani jew l-aktar setgħan, għax dan ukoll, fl-aħħar mill-aħħar, isib lil xi ħadd li jiflaħ jurih sehmu... u t-traġedja hi li ħadd minna m'hu liberu. Il-bniedem jidneb u ngħidu li jaħti, imma kemm hu ħati? Il-bniedem aktar ta' min jibkih milli jċanfru, għaliex il-bniedem soċjali ma jiddeterminax il-ħsieb, iżda hu l-ħsieb li jiddetermina lill-bniedem. Id-determiniżmu evoluzzjonarju jillimita l-libertà tal-bniedem."



**Ineż Farrugia tinterpreta l-parti tal-protagonista fid-dramm *L-Għarusa* ta' Diacono (direzzjoni Charles Caruana għal TVM).**

F'dan il-kuntest, Diacono jieħu l-pożizzjoni ta' osservatur oġġettiv, iżda wkoll ta' difensur tal-bniedem imwaqqa', l-esseri mdgħajjef minn ċirkostanzi li m'għandux kontroll fuqhom. Diacono donnu jaħfirhielhom lill-ħatja għax jaf li l-istimolu li jġarrab lill-bniedem huwa l-Jien Egoista, prodott ta' sensiela twila ta' ħtijiet u preġudizzji li kkorrompew lill-bniedem sa miż-żerniq tad-dinja popolata minn karattri li jidinbu, jisgħobbihom u jerġgħu jidinbu bla rażan.

MARIO AZZOPARDI

***Qigħan* ta' Gorki. Produzzjoni oħra għat-Teatru Manoel, diretta minn Mario Azzopardi (1979).**



# LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR



Xena bejn il-protagonisti fit-teleserje meħuda mir-rumanz.

il-morr" (paġ. 37). U fir-raba' laqgħa tagħhom wara l-ewwel bewsa fuq fommha ta' Leli qalbha teħbirha li "għad irrid inħallas ta' dak li qiegħda ngarrab issa" (paġ. 44). Ġmielha stess jikkuntrasta mal-mard qerriedi ta' oħtha.

Ellul Mercer jisħaq ukoll fuq il-ġibda fiżika ta' bejniethom. Dan ftit li xejn jinstab fir-rumanz tradizzjonali. Ma' Pawlu Sulnata Leli jistqarr: "... Bqajna dejjem nissellmu.... Dil-bniedma donnha għamlitli magħmul. Iżjed ma jgħaddi ż-żmien ħsiebi jmur fiha; iżjed inħossni ninkileb għaliha..." (paġ. 33) u "[Vira] it-tislima tiegħu, mingħajr ma taf għaliex, kienet tqanqalha" (paġ. 34). U ż-żewġ maħbubin imxew fuq l-istint ta' mħabbithom mingħajr ma taw kas il-konvenzjonijiet tas-soċjetà, ngħidu aħna jwarrbu l-parir tal-ġenituri.

Realistika ħafna hija l-kriżi li tgħaddi minnha Vira quddiem ir-reazzjoni ta' Rożi għall-imħabba ta' Leli. Il-ħażen fiżiku li jġib il-mard fuq oħtha hu aktar immedjat għaliha mill-istedina ta' Leli. Iżda hi m'hix xi eroina tar-rumanzi romantiċi li lesta titjassar għomorha kollu għall-proxxmu u tiċħad is-sejħa ta' l-imħabba. Ir-rumanz realista ma jridx jiffoka fuq il-valuri tal-ħajja imma jisħaq fuq id-dgħjufija sħiħa tal-bniedem li jimxi warajhom. Saħansitra Vira kienet lesta ddaħħal 'l oħtha kompliċi magħha biex tigdiblu lil missierha li flok għall-ewwel laqgħa ma' Leli kienet marret għand Randi (paġ. 39—40).

Leli u Vira jġarrbu l-ewwel laqgħa ta' mħabba bl-akbar sinċerità. Il-kruha ta' l-ambjent soċjali ta' Ħaż-Żgħir, saħansitra s-seksik ta' Mariroż ta' 'Kemm naf' u ta' Kunċett ta' Venuża u l-kummenti iebsa tas-Sa Marjann, joħolqu kuntrast qawwi mas-safa ta' ħsiebhom. Għal imħabbithom ma hemmx wisa' għax kif tistqarrlu Vira lil Leli: "... Kemm nistgħu ma niltaqgħux fil-qrib... Iktibli.... Għalik m'hux biżżejjed?" (paġ. 41).

L-ambjent soċjali m'huwiex il-qofol tar-rumanz imma fuqu jinbena u jittella' l-aspett psikoloġiku. Sqaq id-Dlam, ismu miegħu bħal isem il-ktieb, jirrappreżenta 'l Malta bil-kondizzjonijiet soċjali koroh ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Fost l-oħrajn Ellul Mercer isemmi:

1) il-faqar minħabba n-nuqqas ta' ppjanar ekonomiku fi żmien l-Ingliżi;

2) in-nuqqas kbir ta' l-iġjene sew personali kif ukoll soċjali;

3) il-vizzjijiet u d-dnubiet kbar kienu ħaġa waħda mill-ħajja Maltija ta' kuljum;

4) it-tfal lanqas biss kienu jafu x'inhi modestja u lanqas biss ma kienu jrawmuhom fiha għax ta' ħames snin kienu jħalluhom jiġġerrew b'xejn fit-triq;

5) erbgħin fil-mija u aktar mit-tfal jikluha l-ħabs minħabba l-ħażin li wettqu;

6) id-djar kienu b'kamra waħda jew tnejn, kollox fuq xulxin, biż-żgħar igħixu u jitħażżnu mal-kbar;

7) is-sistema tad-drenaġġ ftit li xejn kienet teżisti għax kien hemm l-aktar sistemi primittivi biex ħafna mill-Maltin kienu jimirdu sa minn ċkunithom bil-mard tas-sider;

8) l-ippjanar tal-familji mill-ġenituri ma kienx jeżisti;

9) l-imwiet tat-trabi kienu jitqiesu bħala l-metodu l-aktar effettiv biex tonqos il-popolazzjoni żejda;

10) ħadd mill-awtoritajiet, la l-gvern u lanqas il-Knisja, ma kienu qed jagħtu sehemhom biex in-nies jitgħallmu kif għandhom iqumu minn qagħda kerha bħal din;

11) il-faqar jitqies bħala karatteristika ta' l-umanità kif ħalaqha Alla;

12) in-nisa maħqura minn żwieġhom, anki meta jkunu tqal, u jeżistu biss biex iġibu t-tfal fid-dinja.

Il-kritika tas-Sur Kelin u ta' Dun Karm hija ċentrali ħafna. M'humiex spettaturi biss. Il-kummenti tagħhom jagħmlu sens aktar għax wieħed huwa ateu u l-ieħor nisrani attiv u ferventi fil-Knisja. L-ispirazzjoni tat-tnejn li huma, anki tas-Sur Kelin hija evanġelika. It-tabib, jew id-'Dott', li jitkellem miegħu s-Sur Kelin, u l-kappillan li jiddiskuti miegħu Dun Karm, jiġbru l-element konservattiv fis-soċjetà Maltija mħassra li qed jikkundanna r-rumanzier soċjo-realista. Is-Sur Kelin u Dun Karm jaqblu għax it-tort jagħtuh lill-awtoritajiet: l-ewwel wieħed jissuġġerixxi bidla radikali fl-amministrazzjoni anki tal-ġustizzja: "... Dawn l-imsejkna dlonk jiġu mixlija u mressqa quddiem il-Ħaqq u bosta drabi mitfugħin fejn jixraqlu jiġi mitfugħ min ma jridx iħenn għalihom u jieħu ħsiebhom u jgħallimhom" (paġ. 47). It-tieni hu moderat ħdejh u jippreżenta suġġerimenti li, għalkemm jidhru identiċi ma' tas-Sur Kelin barra l-ħabs li jsemmi dan qablu, fihom aspett morali għax iħarsu lejn il-problema soċjali bħala dmir: "...Nistħajjel li jien u bosta oħrajn miegħi qegħdin nonqsu minn dmirna li nibqgħu nħarsu b'sabarna kollu u nistennew liż-żmien igħaddi, biex ix-xorti ta' dawn l-imsejkna titbiddel xi ftit... ma jonqoshomx għajr ftit tagħlim u ħafna ħniena" (paġ. 48). B'hekk, il-kundanna hija soċjali-reliġjuża. L-impenn soċjali taż-żewġ karattri huwa ċar.

Illum li għaddew 'il fuq minn ħamsin sena mindu kiteb Ellul Mercer il-kitba soċjali tiegħu tinħass dgħajfa. Iżda fl-ambjent magħluq ta' ċensura ta' dak iż-żmien ma setax ikun aktar iebes. Saħansitra l-kummenti tiegħu swewlu t-telfa ta' l-ewwel premju fil-Konkors tal-Gvern (1935) li ħa sehem fih bir-rumanz.

● *jissokta f'ħarġa oħra*



# TIFSIR IL-KLIEM

*(In-numru jirreferi għall-paġna)*

| | |
|---|---|
| 37. *biswit* | faċċata |
| 31. *b'laħamha u xaħamha* | ħesrem |
| 36. *bl-ikraħ* | ħafna, wisq |
| 39. *bukkun* | biċċa ħobż |
| 43. *dinja* | twil |
| 33. *fixinhu biha* | ferħan biha |
| 42. *fieragħ* | vojt |
| 45. *fiergħa* | vojta |
| 37. *frieġħen* | xjaten |
| 48. *għajb* | mistħija, diżunur |
| 30. *għamara* | dar |
| 43. *għawġ* | inkwiet |
| 37. *għelt* | inkwiet, tilwim |
| 39. *ħatar* | bastun |
| 39. *ħerża* | ġebla tonda u ċatta biex tagħlaq il-bir |
| 44. *ħlieqa* | ċajt |
| 49. *iballtilha* | isawwatha bosta drabi |
| 32. *id wara u l-oħra quddiem* | b'xejn, bla flus |
| 44. *igħammru* | joqogħdu flimkien |
| 38. *imdagħdagħ* | irrabjat |
| 45. *imdennsin* | maħmuġin |
| 31. *imgħaxxex* | immantar, magħdur |
| 31. *inkejja* | impika |
| 39. *jagħti bla nifs* | jaħdem ħafna |
| 42. *jgħaxxi* | jistordi, iqabbad ħlewwa ta' qalb |
| 48. *jitmasħan* | jirrabja |
| 37. *jsaqqi l-ħass* | jiffonda, jitmellaħ |
| 37. *kobba* | mrekkna b'saqajha magħha |
| 31,44. *lġiem* | rażan, kontroll |
| 33. *magħmul* | seħer |
| 37. *magħqad* | sedil, fejn wieħed joqgħod bilqiegħda |
| 35. *maħluq* | kreatura |
| 31. *mġiegħed* | innokklat |
| 31. *miklub* | mitluf |
| 31. *mkebbes* | mixgħul |
| 49. *moqżież* | baxx |
| 39. *nemnmitha* | baxxitilha |
| 45. *nieqa* | benniena |
| 33. *ninkileb* | niġġennen |
| 33. *nissellmu* | insellmu 'l xulxin |
| 39. *qamtejn* | madwar 3.76m. |
| 34. *qarja* | messaġġ, ittra, kitba |
| 35. *qiemja* | ta' qima, mimlija rispett |
| 31. *riħ ta' ċmajra* | riħ fil-għadam, deni qawwi u wġigħ mal-ġisem kollu |
| 30. *saret ġunġliena* | ħass ħafna, għasarlu qalbu, kważi nfaqa' jibki |
| 32. *seddaq* | baqa' |
| 43. *sfiqa* | bla mistħija |
| 43. *tagħdab* | tirrabja |
| 31. *tari* | bla esperjenza |
| 44. *tfur* | titqanqal, timtela emozzjoni |
| 37. *tgħaqqalt* | ksibt l-għaqal, kbirt |
| 42. *tħallimhom* | iġġibilhom fil-ħolm |
| 43. *tlum* | iċċanfar |
| 32. *trisett* | logħba tal-karti |
| 30. *żoqqha* | mantniha, agħtiha tiekol |

# SILTIET IMPORTANTI

1. Leli, bil-wieħed u għoxrin sena li kellu, kien għadu tari ġmielu.... Leli kien xort'oħra. It-trobbija li kienet tatu ommu, u l-biża' u l-lġiem li minnha kellu, flimkien mal-ġibdiet tiegħu u ma' qalbu twajba kemm trid, kienu żammewh bħalma l-ilma safi jżomm... fjur sabiħ wara li jkun inqata' (paġ. 31).
2. Inħobbok aktar milli nħobb 'l ommi li sa llum kienet l-egħżeż ħaġa li kelli fid-dinja! Inħobbok aktar milli nħobb l-egħżież tiegħi f'daqqa! (paġ. 34)
3. Vira lil Rożi: "Qattajtha, oħt! Emminni! Bżajt li jista' jinqala' xi ħaġa u missieri jsibhieli!" U hawn Vira kienet qiegħda tħarref (paġ. 35).
4. Rożi lil Vira: "Kemm nixtieqni kont bħalek, Vir; b'saħħti, sabiħa u għandi 'l min jiġri warajja u jħobbni." (paġ. 36)
5. Leli lil Vira: "... Meta nġib wiċċek quddiem għajnejja, l-aktar fil-ħemda tal-lejl, nibda nitbissimlek, narfa' idejja lejk bħallikieku biex insejjaħlek; nibda ntenni minn taħt l-ilsien: 'Vir, inħobbok'!" (paġ. 43)
6. Intebaħ... li dmiru mhux biss hu li jissokta jħobbha, iżda jwitti t-triq li kienet għad trid twasslu biex igħammru flimkien bir-rabta taż-żwieġ (paġ. 44).
7. ... F'bosta mill-għorof ta' Sqaq id-Dlam, fiż-żmien li qed insemmu, barmil jew tnejn tax-xaħam kienu jkunu biżżejjed biex jinqdew bihom missier u omm u qabda tfal magħhom, mingħajr ma sid il-kera jkollu għalfejn iħabbel rasu biex inaddaf il-fossa jew iqiegħed il-katusi ħalli l-irwejjaħ... jindifnu jew jitilgħu 'l fuq u jmorru ma' l-arja, flok jifgaw u jnittnu dinja u jħassru s-sider u s-saħħa ta' min irid ixommhom u jorqod bihom ma' mnifsejh (paġ. 45–46).

## RUŻAR BRIFFA

# IL-MISTERJU TA' L-EŻISTENZA

Fil-Letteratura Maltija Rużar Briffa huwa l-aktar poeta introvert u suġġettiv tar-Romantiċiżmu tagħna. L-eżistenza jħossha immensa u misterjuża. Anzi jinsab imdawwar minn kullimkien biha. U l-istess misterju jaraħ fl-oħrajn sew jekk ikunu bnedmin u sew jekk ikunu oġġetti inanimati. Il-poeżija tiegħu fiha attentat biex jasal għal xi għamla ta' interpretazzjoni jew nuqqas ta' interpretazzjoni ta' din l-eżistenza.

F'kollox jara s-sens ta' toqol f'din l-eżistenza. Għalhekk, kollox jidher vag fil-preżentazzjoni u fl-esperjenza mimlija inċertezza li jġarrab il-poeta. Il-piż bil-'ħajja' jinħass iebes wisq għal Briffa. Dan li jġagħlu jinterpreta r-ruħ ta' l-'oġġett', li hu jkun qed iġarrbu, u l-versi tiegħu joħorġu mnikkta, ironiċi, jekk ma jasalx ukoll sal-livell kważi tad-disperazzjoni Ngħidu aħna, fil-poeżija "Lil Għasfur Igħanni" (paġ. 69) Briffa jkellem lill-kuxjenza ta' l-għasfur b'mistoqsijiet diretti fuq l-eżistenza:

*Għasfur, għaliex qed tgħanni,*
*donnok bil-ferħ miġnun?*
*Skirt int bi nbid l-imħabba?*
*— Jinxfu malajr l-egħjun!*

Minn dan imbagħad idur fuqu nnifsu biex bis-saħħa ta' din il-ħlejqa ċkejkna jkun jista' jiffaċċja r-realtà qalila u misterjuża:

*Bħalek infexxejt fl-għana,*
*u bħalek ferħ ta' ġenn*
*l-imħabba nisslet fija.*
*— Fl-imħabba ma sibtx kenn!*

Iżda m'hemmx għalfejn jitkellem biss fuq l-imħabba. Din hija aspett ċentrali fl-eżistenza u anki jekk jitkellem fuqha biss, diġà jidher falliment serju fir-realtà kiefra. Fl-għażla tal-ħlejjaq ħarstu taqa' fuq dehriet komuni u oġġetti żgħar, bħall-għasfur, u bihom iġarrab il-kruha tat-traġedja, bħal fil-poeżija "Swied il-Qalb" (paġ. 84):

*Illum ġo qalbi nħoss*
*Id-diqa ta' bla tarf*
*Tal-knejjes profanati;*
*Tal-bliet li lbieraħ kibru,*
*U llum*
*Abbandunati;*
*Tal-portijiet għarwiena*
*Mill-qlugħ,*
*U x-xjuħ*
*Isuqu d-dgħajjes*
*— Ix-xjuħ għajjiena;*
*Tal-qamar sfajjar, ċiniku,*
*Fil-waħx taċ-ċimiteri*
*— Il-qamar li, waħdieni,*
*Sa minn kmieni*
*Għaraf tal-ħajja d-dramm,*
*Tal-mewt ħall il-misteri.*
*U nħoss li għalxejn il-Ħajja,*
*U kollha frugħa l-ġrajja,*
*U kollox illużjoni*
*Ħlief triq — l-Eternità.*

Hawnhekk, l-oġġetti u d-dehriet komuni, bħall-knejjes profanati, bħall-bliet abbandunati, bħall-portijiet bla dgħajjes, bħax-xjuħ għajjiena, bħall-qamar sfajjar u ċiniku u bħaċ-ċimiteri waħxin, jiġbru r-realtà li ma togħġobx lill-poeta. Imma lkoll qed jirrevelawlu xi aspett moħbi tagħha, imqar ċkejken, fil-kobor tal-misterju, li l-ħin kollu qed jinsisti li jrid jikxfu.

Minħabba din l-insistenza ċara fil-poeżija ta' Briffa tinħass għaddejja l-ħin kollu tellieqa sħiħa ta' ħsibijiet sfiqa u kummenti f'xulxin.



# Travel Savers




## ISIC

Student? Then it pays you to have the International Student Identity Card. It is the only internationally recognised proof of your students status. The **ISIC** card is the only accepted card that enables you to obtain discounts and benefits in Malta and overseas.

### Eligibility

The **ISIC** card is issued to full time registered scholars and students who are at least 12 years old. It is only issued upon official proof of full time student status. Two passport sized photos are required.

### Major Benefits

- Reduced airfares from Malta. Fly to Rome for only Lm29.00 one way, to Amsterdam for only Lm90.00 return; and many more destinations.
- Discounts in various stationers, booksellers, clothes shops, etc.
- Free entrance or 50% discount on entrance charge to various discotheques in Malta.
- And much more.

**Costs only 75 cents.**
**Valid until 31 December '89 and renewable.**
**International proof of your student status.**
**Use it for discounts on flights, trains, accommodation and more.**
**Issued to students of 12 years old, and over.**
**Use it for discounts in Malta, Gozo and worldwide.**

**NEW**

**50% discount for ISIC and YIEE card holders on all performances organised exclusively by the Manoel Theatre Management Committee.**

NSTS

220, ST. PAUL STREET, VALLETTA, MALTA. TEL: 624983, 626628.







# NSTS AVVENTURA TREKING FI SQALLIJA

Hawn għandna idea ġdida għal dawk minnkom li huma għatxana għal vaganza-avventura bi prezz mill-aktar raġonevoli. It-treking qed isir popolari dejjem aktar fid-dinja tal-vjaġġi, bi gruppi li jaqsmu kontinenti sħaħ fuq it-trakkijiet u bil-mixi. L-ikkampjar fil-beraħ wara ġranet twal ta' l-ivvjaġġar, iqarreb lil dawn il-qalbiena aktar lejn il-qagħda biex isibu l-atmosfera vera ta' l-art li jkunu qed iżuru. Uħud minn dawn il-vjaġġi jistgħu jdumu bosta xhur u jsiru fi trakkijiet b'tagħmir speċjali jew f'landrovers li jistgħu jgħaddu xhur mingħajr ma jkollhom bżonn ta' manutenzjoni.

L-NSTS ħarġet bl-idea li toffrilkom din l-'opportunità' lilkom iż-żgħażagħ biex ikollkom ħjiel ta' vaganza bit-treking fi Sqallija. Għalhekk m'hijiex ġurnata jew tnejn ta' xiri f'Katanja.

Malli tinżlu Sqallija mal-gwida turistiku espert, taslu Taormina għaxart ijiem wara. Ma hemmx rotta speċifika għax tinstab mal-vjaġġ stess. Id-deċiżjonijiet u r-responsabbiltajiet flimkien max-xogħol fil-kamp u t-tisjir irid jerfagħhom fuq spallejh kulħadd. Hekk kif tħallu l-inħawi fejn m'hemmx mogħdijiet u toroq tal-kampanja (dan ir-reġjun mimli għoljiet), tkunu tistgħu ssiru midħla ta' dik in-naħa ta' Sqallija li wieħed jaraha mit-twieqi ta' l-ajruplan jew tal-karozzi fl-*autostrada*. Tkunu tistgħu tħarsu mill-qrib lejn id-drawwiet tal-bdiewa tal-post u ta' l-inħawi mhux abitati filwaqt li l-gruppi jkunu jistgħu jduqu s-sensazzjoni tal-libertà ta' l-ivvjaġġar qalb in-natura mingħajr xkiel ta' xejn.

Biex vjaġġ bħal dan isir mingħajr diffikultajiet ikun hemm bżonn ta' *sleeping bag*, papoċċ tajjeb għall-mixi u, m'għandniex xi ngħidu, ħwejjeġ addattati, torċijiet u batteriji żejda, boxxla, borom, twaġen u affarijiet għat-tisjir, landa għall-ilma u basket ta' fuq l-ispallejn. Il-prezz jinkludi l-vjaġġ lejn Sqallija u lura, is-servizzi ta' gwida espert għal kull għajnuna, l-użu tat-tined u avventura sħiħa fl-iskoperta ta' ġmiel in-natura! Ikkuntattjaw l-uffiċċji tagħna u ssibu postkom f'din l-avventura ġdida.

Tistgħu tistaqsuna u titolbuna t-tagħrif li tridu f'numru 220, Triq San Pawl, il-Belt, telefon 624983, 622628 għal Malta, u f'numru 45, Triq San Franġisk, Victoria, telefon 553977 għal Għawdex.

Fi żmien meta l-bniedem qed jitbiegħed min-natura vjaġġ bħal dan iservih biex jerġa' jġedded fih din ir-rabta.

ADRIAN STIVALA



LINGWISTIKA

# L-ISTORJA TAL-LETTERATURA MALTIJA

## IT-TIENI PARTI

**Fl-istudji lingwistiċi rridu nagħżlu bejn l-ilsien (*langue*) li hu s-sistema ta' egħliem u sinjali konvenzjonali u l-egħmil soċjali jew tas-soċjetà; it-taħdit (*langage*) li huwa l-fakultà li biha wieħed jista' jfisser ruħu bi ħsejjes akustiċi u l-egħmil kemm soċjali kif ukoll individwali, u l-kelma mitkellma (*parole*) li hija t-tlissin attwali ta' bniedem determinat f'azzjoni waħda, biex b'hekk issir att individwali li fiha jidħol l-istudju tal-fonetika.**

Fil-każ tal-Malti hemm ħafna x'wieħed igħid biex ikun jista' jagħraf l-identità tiegħu bħala lingwa. Insibu li meta ma kienx hawn alfabett biex jinkiteb il-Malti, mhux kulħadd kien jiktbu bl-istess alfabett. Fil-fatt l-ittri kienu kemm dawk Semitiċi u kif ukoll dawk Romanzi. Dan kollu jixhed il-problema l-oħra biex wieħed jiddefinixxi l-identità tal-Malti, l-aktar fejn għandhom x'jaqsmu l-ittri enfatiċi (eż. ذ ,ص,ض, ط , ظ ), li llum m'għadhomx jeżistu minkejja li ħallew xi ħjilijiet ta' l-eżistenza tagħhom fuq il-vokali.

Il-Malti kif nafuh joqrob lejn il-Lhudi-Aramajk[10] billi fih insibu aspiranta ħarxa waħda "ħ" u "għajn" fl-ortografija u fl-istruttura tal-qiegħ. Fil-Lhudi l-"għajn" tinkiteb bħal fil-Malti biex tgħin fil-morfoloġija. Jidher li n-nuqqas ta' xi ħsejjes bħall-ع, غ u l-خ seħħ f'dawn l-aħħar mitejn sena.

Il-Malti huwa influwenzat mill-qiegħ mill-grammatika Għarbija. Eżempji:

1. **It-Trilitteriżmu.**
2. **Il-Verb u l-għaxar forom tiegħu.**
3. **It-"t" marbuta.**
4. **L-Istat Kostrutt.**
5. **Il-Plural sħiħ u miksur.**
6. **L-Għadd Imtenni.**
7. **Id-Diminuttiv.**
8. **In-Nomi Mimmati.**
9. **Il-Komparattiv u s-Superlattiv.**
10. **In-Numri flimkien mal-ħafna kliem li l-aktar nużaw fil-ħajja ta' kuljum.**

Id-djalett mitħaddet qabel żmien l-Għarab wasal permezz tal-lingwa mitħaddta u għalhekk ħafna kliem u forom grammatikali li setgħu nżammew bil-kitba, jew inxtorbu jew inbidlu jew intesew minħabba l-qawwa ta' l-Għarbi. Bħalma naraw fi Stumme u Nöldeke, ħafna mill-partikolaritajiet fil-Malti nsibuhom ukoll fid-djaletti Għarbin mitkellma fl-Afrika ta' Fuq. Iżda, kif stqarr Saydon, dawn l-istess partikolaritajiet għandhom ukoll il-partikolaritajiet tagħhom, bħal:

> **"..... the prepositions "bi" and "fi" which attach to themselves the suffix of the first person singular so that we say "bini", "fini", "biia", "fiia". Some of the Arabic dialects have the two forms, but Maltese however, makes a clear distinction between the two forms, and uses "bini", "fini" only when the suffix implies a verbal meaning. Thus we say "bini l-ġuħ" (hunger is in me, i.e. I am hungry). On the other hand we say, "x'rajt fija?" (Whatever have you seen in me?) Similarly other particles used with a verbal sense take the suffix — "ni", so e.g. Għadni (Not Għandi) 'I have', but of course for phonetical reasons."**

B'hekk mhux biżżejjed li ngħidu li l-Malti huwa "rein arabisch" bħalma jgħid Nöldeke. Il-Malti huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu Għarbi iżda m'hux Għarbi safi. Il-lessiku, il-fonetika u l-grammatika fihom nixxigħat ta' egħjun u riżorsi lingwistiċi oħra.

Il-grammatika hija l-aktar aspett importanti fil-lingwa. U filwaqt li l-kliem huwa materjal mhux maħdum, il-grammatika tagħmel ilsien ħaj. Fil-fatt ftit jaffettwa li nkunu nafu minn liema lingwa ġej l-ammont ta' ċertu kliem, sakemm imbagħad jieħu r-regoli ta' dik il-lingwa li fiha jkun sab l-influss tiegħu. Ngħidu aħna, daħlu mijiet ta' kliem Taljan u Sqalli fil-Malti iżda ftit daħlu regoli tal-grammatika Taljana fil-Malti.

Il-lingwa Maltija ma tistax titqies bħala lingwa Għarbija għax barra mir-raġunijiet li semmejna, fil-Malti nsibu taħlita ta' kliem Romanz[11] li ma nistgħux ngħaddu mingħajru. Ma nistgħux neliminaw il-kliem rumanz bħalma ppruvaw jagħmlu xi wħud biex mingħalihom igħollu l-Malti m'ogħla s-sema.

Dawn kienu Anton Emanuele Caruana (1839—1907) u Annibale Preca (1832—1901). Bħalma jistqarr tajjeb Ġ. Aquilina,

> **.... biex wieħed jagħti fehma fis-sħiħ, ma jridx jinsa li l-Malti għandu storja mħallta wisq; marbuta ħaġa waħda mal-ħajja tal-gżira fejn hu mitkellem, .... l-istorja hi l-kawża u l-lingwa hija l-effett.**

Ilsna oħra li ilhom jinkitbu ħafna snin, ukoll juru dan it-tibdil għax il-lingwa jagħmilha l-poplu. Mill-qari tal-"Kantilena" ta' Pietru Caxaro naraw kemm xi kliem inbidel, ieħor intesa jew inkella għadna nużawh sa llum. A. Cremona fil-ktieb tiegħu *X'inhu l-Malti Safi?* (1925) igħid:

> **Għalhekk il-Malti ta' llum għandu ġo fih ħafna kliem ta' ilsna barranija li messew miegħu u li saru ħaġa waħda miegħu....**
>
> **.... Il-kliem ġdid li daħal fil-Malti minn xi elf sena 'l hawn hija ħaġa li kif ġrat fl-ilsna oħra mliet in-nuqqas ta' kliem ieħor li ma kienx jinsab fi lsien Malti jew żdied ma' kliem ieħor li ma kienx ifisser biżżejjed il-ħaġa jew il-ħsieb li rridu nuru jew ukoll xorob kliem ieħor qadim li ġie minsi mill-poplu.[12]**

Eżempji:

| *Malti Semitiku* | *Taljan* | *Malti Romanz* |
|---|---|---|
| id | mano | manku |
| ġir | calce | kalkara |
| ħadid | ferro | firdiferru |
| Randan | quaresima | kwareżimal |
| tmienja | otto | ottava |
| ktieb | libro | librar |
| iswed | nero | nugrufun[13] |

Kif jikkummenta Cremona:

**Meta l-ilsna Latini, kif ukoll xi oħrajn, kienu jissellfu minn xulxin biex ifissru ħwejjeġ l-iktar naturali u tal-bżonn, il-Malti bħala fergħa ta' l-ilsien Semitiku kellu tiegħu u baqa' bihom....**

Eżempji:

| *Malti* | *Taljan* | *Franċiż* | *Ingliż* |
|---|---|---|---|
| mnieħer | naso | nez | nose |
| deni | febbre | fièvre | fever |
| bhima | bestia | bête | beast |
| widna | orecchio | oreille | ear |
| ħawħa | pesca | pêche | peach |
| ħniena | pietà | pitié | pity |
| suq | mercato | marché | market |
| talba | preghiera | prière | prayer[14] |

Dan jagħmel il-Malti lingwa xejn anqas mit-Taljan, mill-Franċiż u mill-Ingliż. Huma ħafna dawk li jaħsbu li l-lingwa Maltija hija djalett iżda dawn m'għandhomx provi u tagħrif biżżejjed fuq x'inhi lingwa u x'inhu djalett. Skond Aquilina,

**Dak li jtella' djalett għall-istat ta' lingwa hu l-importanza li jieħu fuq djaletti oħrajn, meta jinkiteb mill-aħjar kittieba u mill-awtoritajiet tal-pajjiż.... Dan jagħmlu lingwa tan-nazzjon. Mela dan iwassalna biex ngħidu li waqt li d-djalett jiġi ffurmat naturali mill-poplu dan l-istess djalett jasal għal-lingwa tal-pajjiż permez ta' parti mill-poplu billi tiktbu. Mela l-ewwel nsibu d-djalett — lingwa mitħaddta, imbagħad dan isir il-lingwa mitħaddta u miktuba. Jiġi mela li din id-divrenzja m'hix naturali imma konvenzjonali.**[15]

**NOTI:**

10. "Aramaic forms a considerable and widespread linguistic group whose earliest manifestation goes back to the beginning of the first millenium B.C. and which serves, in a few remnants to the present day..." Sabatino Moscati, *An Introduction to the Comparative Grammar of the Semitic Languages*, Otto Harrassowitz, Wiesbaden, 1969, p.10.
11. "Under the Normans and successive dominations, Maltese borrowed a large number of words from Sicilian and under the Knights, a large number of Italian words." Ġużè Aquilina, "The Maltese Language: Some Undisputed Facts about this language", *ibid.*
12. N. Cremona, *X'inhu l-Malti Safi?* Empire Press, Malta, 1925, p.5,16.
13. *Ibid.*, p.19.
14. *Ibid.*, p.24.
15. Ara x'igħid ukoll fil-*Malta Year Book*, 1953, *loc. cit.*:
"All that we can argue so far from available evidence is that Maltese is a North African dialect with some Syrian influences, which since its separation from its parent language, has been increasing its vocabulary and idioms from Sicilian, Italian and in our time from English. The mixed language has become so rich that it provides a pliable medium of self-expression for an increasing literary output of prose and verse."

## IL-FAKULTÀ TAL-LINGWISTIKA



# RUŻAR BRIFFA

## IL-LINGWAĠĠ FIL-POEŻIJA

Il-poeziji ta' Rużar Briffa jidhru u jinħassu li nkitbu instantanjament. Dan mhux biss għax il-poeta kien jikteb fejn jiġi jiġi, bħall-karti tar-riċetti, bċejjeċ ta' karti żgħar, bċejjeċ ta' kartun u pakketti tas-sigaretti. Imma hemm il-versi qosra, splużjoni waħda f'waħda wara li jkun ilu jħammem il-jiem u x-xhur fuq l-'oġġett' jew id-'dehra komuni' ta' l-esperjenza tiegħu.

Briffa beda jikteb fis-snin ta' l-aħjar żmien tar-Romantiċiżmu Malti identifikat mal-personalità ta' Dun Karm. Kien hemm poeti oħra tajbin romantiċi, bħal Karmenu Vassallo u Anton Buttigieg, li għalkemm kellhom tematikament il-poetika tagħhom, magħżula minn ta' Dun Karm, xorta mxew fuq it-teknika tar-romantiċiżmu tiegħu bil-forom tal-metrika klassika u bl-għażla mirquma tal-kelma.

Iżda Briffa kellu ispirazzjoni kreattiva wisq biex jintrabat mar-regoli arkitettoniċi ta' sħabu. Fil-fatt, fil-biċċa l-kbira tal-poeżiji sawwar il-versi tiegħu skond kif iddettatlu l-poetika dak il-ħin. Għalih, ma kinitx il-forma li trid tikkondizzjona l-ħsieb, imma l-ħsieb li jrid ifassal u jgħajjex il-forma waħdanija tal-mument. Ir-ruħ tal-poeżija tiegħu tant hija mqanqla li ma tilqax l-iċken irbit, lanqas fil-kelma. Ngħidu aħna,

*Il-ghotjien ta' l-oqbra nfethu,*
*Ħarbu r-rwieħ...*
*Maċ-ċipress għoli, sewdieni,*
*Qed iduru,*
*Qed iduru*
*Bla mistrieħ;*
*Tnehid, biki, qsim il-qalb,*
*Xhir u talb;*
*F'hekk tfakkarni,*
*Riefni qawwi!*

*Ilfiq mifni ta' ġnus qodma*
*Mitlufin f'widien mudlama,*
*Xmajjar kbar se jibilgħuhom,*
*Mitlufin,*
*Mitlufin,*
*Minn elf ħaġa midrubin;*
*F'hekk tfakkarni,*
*Baħar qawwi!*

("Ħsibijiet")

Hawnhekk ma hawnx ħafna tidwir bil-figuri tad-diskors kif jinsab f'bosta poeti romantiċi ta' żmienu, ta' qablu u ta' warajh. Lanqas aġġettivi mqanżħa li jkunu ilhom jissemmew fil-poetika romantika Maltija. Il-metafori tiegħu, fejn jidħlu, jinħassu dejjem friski f'versi mibnija b'sentenzi għaġġiela u ħfief li jixbhu ħafna lill-Malti mitkellem tagħna. Hija l-kelma tiegħu immedjata li taqbel ma' l-impressjoni qawwija tal-waqt li wkoll trid tkun immedjata.

Briffa ma jagħżilx il-kelma u mbagħad jikteb il-poeżija. Hija l-poeżija awtentika ħierġa minn qalb muġugħa li tagħżel fil-waqt il-kelma sinċiera u mixtieqa. Fuq kollox, it-tlaqqigħ ta' kelma fejn l-oħra joħolqu l-mużikalità istintiva skond ix-xejra tal-ħsieb: il-frażijiet jidhru mifruda, mitluqa għal riħhom, lesti biex jippreżentaw suġġeriment kemm kemm jinstema' f'ritmi u waqfiet istintivi. Is-sensi biss li jkunu qegħdin jaħdmu u fejn ikun hemm ir-rima dejjem toħroġ naturali.

*... U taħseb:*
*Kemm huma mgħaġġlin,*
*Fejn huma sejrin*
*Għal dejjem bla sabar*
*Dal-ħalja bnedmin?*
*Fejn huma l-egħruq?*
*Qatt lilhom ma trażżan il-bewsa tar-riħ?*
*Qatt lilhom ma tlajjem is-sħana tax-xemx?*
*Għaliex ftit mistrieħ*
*Għalihom ma hemmx,*
*U l-lehma biss tagħhom*
*Il-ħajja tas-suq?*

("Quo Vadis")

Dan li jagħmel lill-poeta Briffa l-kittieb Malti romantiku tal-versi b'poeżija pura. Qalbu tferra' t-toqol tas-sentiment u, imqar għal waqt wieħed, tistrieħ.

# DIXAN with Ultral.

## And your wash is ultra clean.





Ultral and its concentrated washing power have made DIXAN even more effective against stubborn dirt and persistent stains. From now on use just DIXAN in all kinds of washing machines at temperatures of 30°, 60° and 95° C.
And your wash will become ultra clean.
Thanks to DIXAN.




Henkel

Manufactured in Malta by Paolo Bonnici Ltd. (Manufacturing Division), Qormi, Malta under license of Henkel KGaA, Dusseldorf, West Germany.

PLANT (Qormi) Tel: 491438 SALES (Marsa) Tel: 234685, 233757, 229363, 605909 (Valetta) Tel: 224069, 221367.

esej mudell
marlene mifsud

IT-TATTIKA tar-reklami bdiet ħafna qabel ma l-bniedem ħaseb fil-mezzi tal-komunikazzjoni. Il-bejjiegħa fit-toroq kienu jgħajtu bil-prodotti tagħhom u jipperswadu lin-nisa tad-dar biex jixtru skond kemm il-prezz u l-materjal ikunu kompetittivi. Iżda llum mhux hekk. Illum dak li jolqot l-għajn jipperswadina biex nixtru. U toqgħodx tagħti kas jekk l-oġġett iservix jew le, għax diġà jkun magħmul biex ma jservix. L-aqwa li tiffranka l-ħin. Dan jaqbel mal-ħajja mgħaġġla ta' llum, imma mhux ma' but li ma jlaħħaqx.

# L-INDUSTRIJA TAR-REKLAMI

L-iskop tar-reklami hu li juri lill-pubbliku x'hemm għall-bejgħ. Ta' min jiskanta kemm tal-gazzetti damu ma ndunaw b'dan. Sa qabel dan is-seklu kienu jiskoraġġixxu r-reklamar. Ħafna kumpaniji ma kinux jemmnu fih, sakemm intebħu x'kienu qed igawdu l-avversarji tagħhom. Maż-żmien, ir-reklami saru sofistikati iktar. Indunaw li tiġbed il-pubbliku b'xi frażi li tolqot u għalhekk użaw dik it-teknika. Fis-seklu għoxrin, ir-reklamar sar industrija importanti biex tilħaq is-soċjetà konsumista, li kompliet toktor.

Il-bejgħ jeħtieġ il-kapaċità kollha tal-bejjiegħ, imma jiddependi ħafna mir-reklami. Ir-reklamar għamel l-egħġubijiet biex għolla l-livell tal-ħajja. Qajjem tqanqil soċjali f'dan is-seklu. B'hekk il-produtturi ħolqu talba kbira għall-prodotti tagħhom. Dan ta bidu għall-ħlas bin-nifs. Billi l-oġġetti ma jservux ħafna, tista' tkun għadek qed tħallas għal oġġett li jkun ilu li spiċċa. Ir-reklam joffrilek il-ħlas bin-nifs, imma ma jwiegħdek xejn iżjed.

It-ton tar-reklam dejjem, b'xi mod, irid jipperswadik u għalhekk, sa ċertu punt, jillimita l-libertà. Jipperswadi billi jagħmel mistoqsijiet, jordna, iheddeḍ, jitlob, igħallem, jimpostura, ifissed, juri jew jagħmel appell għar-raġuni. Jekk ir-reklami s-soltu ma jkunx fihom l-informazzjoni kollha li x-xerrej ikollu bżonn, allura x'ikun fihom? Ikun fihom dak li jappella għall-emozzjoni, b'lingwaġġ emottiv, li jaħkem is-sensi, eċċitanti, esaġerat u mimli tifsir moħbi, bil-kliem manipolat skond l-assoċjazzjonijiet tiegħu.

L-edituri tal-gazzetti, xi darba jew oħra, igħidu li m'għandhomx reklami biżżejjed. Dawn biex iżommu pubblikazzjoni ta' din ix-xorta fuq saqajha. Mil-lat finanzjarju, is-suċċess tal-gazzetta fuq kollox jiddependi mill-għadd ta' reklami li tiġbed, aktar milli minn kemm tqum jew minn kemm tkun miktuba tajjeb u minn min jixtriha. Importanti li gazzetta tkun irħisa u jaqrawha ħafna nies, imma mingħajr ir-reklamar tista' tagħlaq.

Ir-reklami klassifikati fil-gazzetti u l-pubblikazzjonijiet l-oħra huma mimlija fatti. Fuq ir-radju u iktar u iktar fit-televiżjoni, jagħmlu l-aqwa appell għall-emozzjoni. Għandhom x'jaqsmu mal-ħsus tal-bniedem — il-biża', l-imħabba u s-sess, il-kumditā, l-hena, l-għira, il-vanità, l-ansjetà, l-isnobiżmu, is-segretezza u x-xewqa li tkun modern bħal ħaddieħor jew aħjar, differenti, uniku u milqugħ fis-soċjetà. Għandhom x'jaqsmu wkoll mal-kundizzjoni tal-bniedem — id-dgħjufija umana, id-differenza tal-klassi, is-sigurtà ta' nies ta' età partikolari, bħal ngħidu aħna t-tfal jew ix-xjuħ.



L-appell tar-reklam isir bis-saħħa ta' ton awtoritarju jew bis-suġġeriment: li l-prodott jew is-servizz jagħmlek kuntent, hu ta' l-aqwa kwalità (aqwa minn xiex?), jiffrankalek il-flus u l-ħin, tista' tiġrilek xi ħaġa ħażina jekk ma tixtrihx, tkun popolari iktar jekk tixtrih. Dan l-appell jista' jilħqek ukoll fiċ-ċinema, bil-vannijiet bil-lawdspikers, f'xatt il-baħar, fuq il-ħwejjeġ sportivi, bil-bejjiegħa bieb bieb, fil-grawnds ta' l-isports u bis-saħħa tal-isponserxips, fost l-oħrajn.

Il-persważjoni moħbija jużawha d-diriġenti tal-ħwienet il-kbar, meta jippustjaw l-oġġetti għall-bejgħ, b'mod li jinbiegħ l-ogħla għadd. Il-mużika, id-dwal qawwija u l-ilwien jipnotizzaw lill-klijenti. Oġġetti goffi ħdejn il-bieb ta' barra jinkoraġġixxu lil dak li jkun biex jixtri fi qfief kbar u għalhekk iżjed milli jeħtieġ. L-istess għall-gallettini ħdejn it-tè u l-kafè u l-ħelu u s-sigaretti inti u ħiereġ biex tħallas. L-oġġetti li jeħtieġu aktar bejgħ jitpoġġew bi dritt il-għajn.

Ir-reklami jistgħu jagħtuna stampa perikoluża tal-ħajja ta' llum, għax ma tkunx eżatta. Min jirreklama jemmen fil-prodott? Jekk ir-reklamar huwa arti u l-artist suppost jemmen fl-arti tiegħu, allura mhux qed ikun ġenwin. Dan narawh għax l-isbaħ reklami mhux bilfors jirreklamaw l-aqwa prodotti. Id-dehra u l-illustrazzjoni saru aqwa mil-lingwa. Il-fotografija u l-arti fil-forom kollha tagħha għandhom l-aqwa sehem fid-dinja tar-reklamar u fl-appell tiegħu għall-pubbliku. Industriji oħra li jgħinuh huma l-istampar, it-tiftix tas-suq u l-applikazzjoni psikoloġika speċjalizzata.

Min-naħa waħda, ċertu reklamar huwa insult għall-intelliġenza tal-bniedem u jirkeb fuq il-privatezza tiegħu waqt li min-naħa l-oħra kull pubbliċità hi tajba għall-kompetizzjoni u biha timxi d-dinja. Wieħed m'għandux jinsa l-ammont kbir ta' ġid li jsir għall-isports mid-ditti li jisponsorjaw il-kompetizzjonijiet sportivi ta' l-ogħla livell. Kieku dawn ma jvinċux kif inhi miexja d-dinja llum. Irridu niftakru wkoll li pubblikazzjoni jew xi servizz ieħor mingħajr id-dħul mir-reklami jkollna nħallsu għalihom xi ħames darbiet daqs li qegħdin, jew iżjed. Il-ġurnalisti għandhom għal xiex ikunu grati għar-reklami! M'hix ħaġa ħafifa tiegħu deċiżjoni fuq ir-reklamar. Hawn reklami li huma ta' fejda għall-pubbliku, li ma jkattrux jew jinqdew bil-biża' u l-kilba tan-natura umana. Mingħajr ir-reklami, il-prezzijiet tal-prodotti jew is-servizzi żgur jorħsu. Imma n-nies tiegħu gost issib min jipperswadiha. Anzi lesta tħallas biex jipperswaduha!

**ATTENTION ALL STUDENTS AND TEACHERS!!!**

### PHOTO COPYING

PROFESSIONAL RELIABLE INSTANT SERVICE CAPABLE OF FAST LONG RUNS INCLUDING COLLATING AND STAPLING

### BINDING

OUR VERSATILE PLASTIC ELEMENT RING SYSTEM IS FAST, PRESENTABLE AND IDEAL FOR COPIES AND ORIGINALS. INSTANT SERVICE

### DUPLICATING

ECONOMICAL TYPING ON STENCIL × 500 COPIES PRICE Lm3.50

## the office

OPEN ALL DAY

FAST SERVICE

WE ♥ OUR CUSTOMERS

**73, Quarries Square — Msida**
**(Near New Lyceum, ex-Polytechnic)**

**TEL: 605441**

### STATIONERY

LEADING STATIONERS FOR FILES, REFILL PADS, PAPER, TECHNICAL DRAWING INSTRUMENTS, PENS, ATTACHÉ CASES AND ALL OTHER STUDENT REQUISITES

### CARDS

A COMPLETE CARD GALLERY. A WIDE SELECTION OF EVERYDAY AND SPECIAL OCCASIONS, CUTE & CLASSIC CARDS, MUSICAL CARDS, BLANK CARDS & POSTCARDS ARE ALWAYS AVAILABLE

### POSTERS

A LARGE DYNAMIC VARIETY OF POSTERS & PRINTS OF DIFFERENT SIZES.

NEW STOCK JUST ARRIVED

NB: WE ALSO SUPPLY AND DELIVER STATIONERY TO OFFICES.

# TISLIBA "ANALIŻI" NUMRU 7

minn ĠORĠ MIFSUD



## SPONSORJATA MINN MERLIN LIBRARY, BLATALBAJDA

**Mimdudin**

1. Prepożizzjoni miżjuda (3).
3. Nofs lewn is-sema? (3).
7. L-inizzjali tat-tabib li Zammit kien imur miegħu fil-Knisja "Ta' Loretu", il-Gudja (2).
9. L-ewwel u l-aħħar vokali ta' isem ir-rivista tagħna (2).
11. Għall-adulti u għall-adoloxxenti: taqsira (2).
12. Il-konsonanti komuni fl-ismijiet ta' omm u binha fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (2).
13. L-egħruq eżistenti ta' 'liema' (2).
15. Il-laqam ta' mara barranija f'*San Ġwann* (9).
18. Min għandu rasu iebsa ngħidulu li għandu 'ras ta' ... (4).
20. Iż-żina ta' Leli u Klara kienet teħodha kontra wieħed mill-... kmandamenti (5).
21. Dan rasu kbira (5).
24. L-egħruq eżistenti tal-prepożizzjoni 'biex' (2).
25. Taqsira ta' 'numru' (3).
26. Il-vokali ta' 'dehriet' (2).
27. Kunjom is-Sur Kelin (6).
29. Jekk ... u nieżel għal xi ħaġa sinjal li jkun imxennaq għaliha (4).
30. L-ittri ta' wara isem min ikun studja u ħa l-grad ta' baċellerat ta' l-arti (2).
31. Qagħditilhom għassa lil Leli u Vira wara li mietet Rożi (5).
32. Wara l-qtil ta' Correa dan inġabar ma' Toni Ċelli, skond ir-rumanz *San Ġwann* (4).
33. Il-prefiss għall-oppost ta' 'regolari' (2).
34. L-egħruq eżistenti tas-sinonimu ta' 'benniena' (2).
35. Ara 5 wieqfa (6).
39. Jiġifieri (3).
40. Ħu Ġorġ Żammit li l-poeta kitiblu l-poeżija "It-Tnejn ta' Novembru" (5).
41. L-inizzjali ta' 'Missier il-Letteratura Maltija' (3).
43. Nofs l-isem ta' l-ittra mill-aħħar għaxar ittri ta' l-alfabett li tinqara l-istess minn wara u minn quddiem (2).
44. Skond il-poeżija "Lilek", Rużar Briffa jistqarr li "Fil-ħolma biss — /... ż-żgħożija/ Bla dawl u hena/ Għaddiet m'nn għalija" (5).

**WEQFIN**

1. Din "tajra tas-sema" għal Zammit (6).
2+22. Kaxxa għat-tfaddil tal-flus (5).
4. Menzju ltaqa' magħha Ruma, skond *San Ġwann* (5).
5+35 mimduda. Fl-Indja Rużar Briffa d-daħka semagħha ... skond il-poeżija "Fl-Indja" (9).
6. Hekk jisimha l-mara li kellem Briffa fil-poeżija "Lill-Maħbuba" (9).
8. Lil Leli kien ta' spiss idaħħlu fl-ixkora (6+6).
10. L-imgħallem ta' Leli imma mhux dejjem sema' minnu (2+3+5).
14. L-egħruq eżistenti ta' 'mela' (2).
16. L-ewwel żewġ ittri ta' l-imperfett tal-verb 'qal' fit-tielet persuna maskil singular (2).
17. Il-ħabiba ta' Vira li marret magħha għall-Kungress Ewkaristiku — l-ewwel u l-aħħar ittra ta' isimha (2).
19. Imperattiv minn 'bena' jew nom bil-pronom mehmuż (4).
22. Ara 2 wieqfa (3).
23. Ħeba (5).
27. Partiċella tan-negattiv (2).
28. Nofs 'terapija' (4).
30. Xgħir (5).
33. L-ittri komuni fi 'sjett' u 'sjeru' (3).
34. Min ikollu ħafna kwalitajiet differenti ta' annimali x'jieħu ħsieb ngħidulu li 'għandu l-arka ta' ...' (3).
36. L-ewwel żewġ vokali fil-Malti (2).
37. Isem ta' post, jew ta' bniedem jew ta' ħaġa (3).
38. Ġovanna Debono kienet ... Rużar Briffa (3).
41. Ma marx (2).
42. Taqsira bil-Latin għal 'Wara Kristu' (2).

(*Nota*: L-'għ' u l-'ie' jitqiesu bħala ittra waħda.)

**Taqtax din il-paġna imma ikkopja t-tisliba u ibgħatha lil (*Analiżi*, Il-Liċeo G.F. Abela, Misraħ Ġużè Debono, L-Imsida.**

**It-tweġibiet iridu jaslulna sat-30 ta' Novembru, 1988 u r-rebbieħ jingħażel bix-xorti u jingħata l-premju ta' Lm5 kotba mid-Ditta Merlin Library.**

## IR-REBBIEĦA

***Tisliba "Analiżi" Vol. 2 No. 1:***
**David Brincat, L-Iskola Sekondarja Ogħla Giovanni Curmi, "Marvic", Triq il-Ħuttafa, Il-Fgura.**
***Kwiżżilmalti "Analiżi" Vol. 2 N. 1:***
**Penelope Ellul-Galea, 8 "Namiki", Triq San Mikiel, Raħal-il-Ġdid.**



RUŻAR BRIFFA

# L-ANSJETÀ u L-ĠMIEL

**RUŻAR BRIFFA (1906—1963) huwa wieħed mill-poeti intimisti romantiċi li kienu kapaċi jiżviluppaw poetika personali u oriġinali. Fil-qofol tiegħu wieħed jista' jiddefinih bħala l-poeta ta' l-ansjetà. L-aspetti kollha tal-poeżija tiegħu, bħal ngħidu aħna l-ħajja fil-kondizzjonijiet turmentużi taż-żmien u ta' l-ispazju, l-imħabba, il-fidi nisranija, il-melankonija u s-solitudni, in-niket u t-tbatija fiżika u interna u l-biża' jiffokaw l-ansjetà kbira li bħala bniedem-tabib-poeta għadda minnha tul ħajtu kollha.**

**F'qagħda kiefra bħal din, kultant kważi ddisprata, Briffa joħroġ bit-tfittxija tiegħu tal-Ġmiel b'insistenza qawwija li jġarrbu. U kull meta jagħraf li dan il-Ġmiel ma jinstabx jinsisti miegħu nnifsu li joħloq l-illużjoni għalih biex jiksbu. Anki jekk għal ftit waqtiet!**

**Ħafna drabi l-punt tat-tluq ikun iż-żmien qerriedi. Imbagħad il-kumment li l-eżistenza kiefra qatt ma taħfirha lill-bniedem.**

'Mma ż-żifna dejjem sejra
u s-sfura fuq l-uċuħ,
u ħalli terġa' tixgħel
la biss titħarrek ruħ.

X'laqqagħhom f'din il-ħemda?
Ilkoll għalqu s-sittin,
u qalb kull wieħed minnhom
bid-diq tas-snin bdiet tnin.

("Għajjiena Le Xebgħana")

**Din ix-xejra qerridija tnibbet fih reazzjoni qawwija li xi darba (?) jasal fi stat bla ħerba, eternità bla kondizzjonament taż-żmien, fejn iż-żmien ma jeżistix.**

Fil-ħolma tal-Poeta
Qatt ma jiġġarraf xejn,
kull xħin timraħ il-ħarsa
igħixu ġol-għajnejn

il-bliet ta' llum, ta' lbieraħ,
il-bliet taż-żmien li ġej,
Tiegħek, poeta, id-dinja:
int biss dejjem bennej!!

("Il-Ħolma Eterna")

**Id-dehriet li s-soltu fil-ħajja tagħna norbtu mal-qilla qerrieda taż-żmien isiru għalih l-akbar theddida għall-kisba ta' din l-eternità. Fost dawn id-dehriet ewlenin tispikka wisq ix-Xjuħija, ikkaratterizzata bil-mard, bil-kruha, bit-tbatija, bit-telqa mejta, monotona, imkarrba, mitluqa, agunizzanti, kritika anzi traġika, u l-bqija:**

'Mma ż-żifna dejjem sejra:
— Kemm huma għajjenin! —
Tgħid dina l-aħħar żifna,
iż-żifna tal-mejtin?

("Għajjiena Le Xebgħana")

**Iż-żmien huwa d-dittatur qalil u impersonali li lill-bnedmin jagħsarhom u jjassarhom minn kull lat f'ħajjithom, saħansitra jneżżagħhom minn kull ħjiel ta' rieda jew deċiżjoni. L-istqarrija hija rassenjata u 'l-għażla' li jibqgħalna tinsab fil-mogħdija tal-mewt. Il-ħajja titqies bħal proċess wieħed ta' diżintegrazzjoni lejn din il-mewt. Briffa jasal biss sa din l-istqarrija u ma jipprotestax aktar. Iżda ċ-ċertezza tinstab fil-mewt u mhux fil-ħajja.**

?

## KWIŻŻILMALTI

SPONSORJAT MID-DITTA PUBBLIKAZZJONI BUĠELLI

### MISTOQSIJIET FUQ "AĦALIŻI" VOL. 2 N. 2

1. Agħti raġuni waħda biex turi l-importanza tas-sena 1968 fil-politika u l-letteratura internazzjonali.
2. Kemm kellha żmien Karmena, oħt Ġorġ Zammit, meta mietet?
3. Semmi dramm wieħed ta' Chekhov.
4. Min kiteb il-poeżija "Kantilena"?
5. Kemm dam seminarista Ġorġ Zammit fi Scots College, Ruma?

It-tweġibiet iridu jaslulna sat-30 ta' Novembru, 1988 u r-rebbieħ jingħażel bix-xorti u jingħata l-premju ta' Lm5 kotba ppubblikati mid-Ditta Buġelli.

### TWEĠIBIET GĦAT-TISLIBA "ANALIŻI" N. 6

MIMDUDIN: 1. Virdillija; 9. AU; 10. Neruni; 11. Lisnu; 13. Memè; 15. EM; 18. Id; 19. Waħda Biss; 23. Tpari; 24. Isa; 25. Rmazzat; 29+30. Sarajevo; 33. Weo; 34. WFR; 36+42. Impellizzeri; 41. Rmew; 43. Karfus; 44. ZLJ.

WEQFIN: 1. Valette; 2. Ras; 3. Dun Karm; 4. LN; 5. Lel; 6. Ir; 7. Jum) 8. Ane; 12+38. Imnikket; 14. ED; 16. ĠD; 17. AB; 19+21. Wara operazzjoni; 20. ĦIAR; 22. Sì; 26. Za; 27. Ae; 28. TV; 29. Semma; 31. Owkej; 32. Irtir; 33. Wirk; 35. Fer; 37. Ewf; 39. Izz; 40. KZL; 42. LS.

### TWEĠIBIET GĦAL KWIŻŻILMALTI "ANALIŻI" Vol. 2 N. 1

1. Drawwa antika li fiha ġemgħa nies jiltaqgħu lejlet l-Ewwel tas-Sena biex imorru jdoqqu u jgħannu u jixtiequ lill-familji s-sena t-tajba.
2. 1655.
3. Fl-Isptar San Luqa.
4. "Katerina".
5. Id-dramm jirrifletti fiċ-ċokon tiegħu lill-ħajja stess.